Sit-ups – not less than 32 repetitions for males and 30 repetitions for females.

Age category from 32 to 45 years:

1 mile run – not more than 8.49 minutes for males and 10.59 minutes for females;

Push-ups – not less than 23 repetitions for males and 9 repetitions for females;

Sit-ups – not less than 28 repetitions for males and 25 repetitions for females.

Applicants must at least attain the minimum standard in each physical test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test.

Part I – Physical Efficiency Test (Points: Maximum 50, Minimum 25);

Applicants must at least attain the minimum standard in each physical test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test, but applicants who fail in one feat only, i.e. either the 1-mile run or the push-ups or the sit-ups, will be allowed to re-test that one particular event, ten (10) days following the first complete test, but if successful in such re-test, will only be entitled to the minimum pass mark of 25, regardless of the scores obtained in the other feats.

12. Part II of the Selection Process will be conducted by the Armed Forces of Malta. The candidate will then be medically examined to ascertain that the candidate is fit for the post in accordance with Regular Force Standards.

13. Part III of the Selection Process will be conducted by the Armed Forces of Malta. Eligible applicants will be requested to attend for an interview by a selection board to assess their suitability for the post.

Maximum Mark

Academic Qualifications	80
Interview (min. 110)	220
Maximum	300

Applicants must attain the minimum standard in the Interview to be considered as having gained an overall pass in this phase of the selection process.

14. The Order of Merit, for those applicants who are successful in all parts of the selection process, will be established according to the total marks obtained in Part I (Physical Efficiency Test) and Part III (Interview).

15. Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew itemmu xi parti mill-Proċess tal-Għażla jiġu kkunsidrati li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

16. Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla jibqa' validu għal sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni uffiċjali tiegħu fuq is-sit uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta.

17. Man-nomina, l-individwu magħżul ikun suġġett li jgħaddi minn taħriġ biex jopera l-Inġenji tal-Ajru tal-Forzi Armati ta' Malta. Il-proviżjonijiet tar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kundizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri japplikaw minn hemm 'il quddiem.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

18. Applikanti prospettivi jistgħu jiġbru l-formoli tal-applikazjonijiet mill-Uffiċċju tar-Records, Forzi Armati ta' Malta.

19. L-applikazzjonijiet mimlija għandhom jaslu fl-Uffiċċju tar-Records, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 2 ta' Settembru, 2022. Mal-formoli tal-applikazzjoni għandhom ikunu inklużi:

a. Ritratt tal-passaport bil-kulur;
b. Liċenzja, ċertifikati akkademiċi u professjonali, li jinkludu t-traskritti uffiċjali relatati maċ-ċertifikati maħruġa mill-Università;
c. Ittra ta' riferiment dwar il-karattru;
d. Curriculum vitae;
e. Jobsplus Employment History.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

20. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.
21. Aktar informazzjoni tinstab fis-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt).

22. L-applikanti jiġu infurmati b'ittra jekk ġewx magħżula jew le. Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Għażla hija waħda finali.

It-23 ta' Awwissu, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Kuntratt għal Servizz – Kordinatur għall-Welcome Course for Families fil-Proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (LLAPSI +)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Welcome Course for Families huwa inizjattiva organizzata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-

15. Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

16. The result of the selection process will be valid for a period of six months from the date of its official publication on the Official Website of the Armed Forces of Malta.

17. Once selected, the appointee will have to undergo training to operate the Armed Forces of Malta Aircraft. The relevant provisions of the Appointments and Conditions of Service of the Volunteer Reserve Force Regulations shall apply thereafter.

Submission of Application

18. Prospective applicants can collect application forms from Records Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks.

19. Duly completed application forms must reach Records Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, by noon, on Friday, 2nd September, 2022, accompanied by:

a. Passport sized photograph in colour;
b. Licence, academic and professional certificates, including the official transcripts pertaining to University qualifications;
c. Character reference letter;
d. Curriculum vitae;
e. Jobsplus Employment History.

Other General Provisions

20. Late applications will not be considered.
21. Further information on the AFM can be found on the AFM website (www.afm.gov.mt).

22. Applicants will be notified by a letter whether they have been selected or not. The decision of the Selection Board will be final.

23rd August, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Contract for Service – Coordinator for the Welcome Course for Families under the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (LLAPSI +) Project

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender

The Welcome Course for Families is an initiative organised by the Ministry for Education, Sport, Youth,

Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) permezz tal-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) sabiex joffri appoġġ lil familji Ukreni li għadhom kif jaslu Malta.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed jilqa' applikazzjonijiet minn persuni interessati li joffru s-servizzi tagħhom fuq bażi ta' 'Kuntratt għal-Servizz' bħala Kordinatur għall-Welcome Course for Families fil-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (MT/2016/AMIF/4.01) – LLAPSI+ li huwa parzjalment iffinanzjat mill-Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF).

L-applikanti jkunu mistennija li jipprovdu sa erbgħin (40) siegħa ta' servizz fix-xahar bejn it-3 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Mejju, 2023. Ir-rimunerazzjoni tkun ta' €15.26 (VAT eskluża) fis-siegħa.

Id-dmirijiet ta' Kordinatur għall-Welcome Course for Families jinkludu li:

1. Jifformula u jipproċessa ċirkularijiet, memos, rapporti u reklamar b'konnessjoni mal-kors;

2. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-korsijiet billi jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u l-għalliema tal-kors sabiex jinħolqu l-ħiliet tat-tagħlim tal-kors, ir-riżorsi u l-għodod tal-assessjar meħtieġa;

3. Jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u l-għalliema biex jiġu żviluppati u implimentati metodi effettivi li jimmotivaw u jappoġġjaw lill-istudenti;

4. Jassisti lill-Migrant Learners' Unit f'riċerki, implimentazzjoni u assessjar tal-programm;

5. Jikkontribwixxi fir-reklutaġġ tal-għalliema u x-xiri ta' materjal meħtieġ għall-kors;

6. Jikkordina d-disponibbiltà ta' postijiet, spazji virtwali, għalliema u riżorsi għall-korsijiet;

7. Jikkordina t-taħriġ għall-għalliema;

8. Jippjana, jifformula u jippubblika informazzjoni għall-għalliema, studenti u ġenituri kif meħtieġ;

9. Jikkuntattja lill-għalliema u l-ġenituri/gwardjani tal-istudenti li jattendu l-korsijiet, kif meħtieġ;

10. Jikkordina mal-iskejjel u entitajiet oħra rigward l-andament tal-kors;

11. Jagħmel laqgħat fuq il-post u żjarat kif meħtieġ, qabel, waqt u wara l-korsijiet. Dawn l-appuntamenti jsiru permezz ta' komunikazzjoni remota jew virtwali;

Research and Innovation (MEYR) through the project Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) to support newly arrived Ukrainian families in Malta.

The Ministry for Education, Sport, Youth Research and Innovation notifies that applications are being received from interested persons willing to provide their services on a 'Contract for Service' basis as Welcome Course for Families Coordinator under the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS Project (MT/2016/AMIF/4.01) – LLAPSI+ which is part-financed by the Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF).

Applicants will be required to provide up to forty (40) hours of service per month between 3rd October, 2022 and 31st May, 2023. Remuneration will be €15.26 (excluding VAT) per hour.

The duties of a Welcome Course for Families Coordinator shall include:

1. Drawing up and processing to publishing the necessary circulars, memos, reports and adverts in connection with the course;

2. Contributing to the development of courses by working closely with the Education Officer and Course Tutors in developing the learning outcomes of the course, resources and assessment tools as needed;

3. Working closely with the Education Officer and Tutors to develop and implement effective approaches to motivate and support learners;

4. Assisting the Migrant Learners' Unit in programme research, implementation and review;

5. Contributing in the recruitment of tutors and procurement of items required for the course;

6. Coordinating availability of venues, virtual spaces, tutors and resources for such courses;

7. Coordinating training for tutors;

8. Planning, formulating and issuing of information for tutors, learners and parents as necessary;

9. Contacting tutors and parents/guardians of learners enrolled for the course as necessary;

10. Liaising with schools and other entities regarding the running of the course;

11. Holding on site meetings and visits as necessary before, during and after the courses. Such appointments may be required to be carried out via remote or virtual communication;

12. Jikkonforma mal-proċeduri stabbiliti tax-xogħol, waqt li jikkontribwixxi għall-iżvilupp kontinwu tal-istess proċeduri;

13. Jaħdem mill-qrib mal-Edukaturi tal-Kors involuti f'korsijiet oħra simili sabiex jidentifika modalitajiet effettivi għal:

a) identifikazzjoni u għajnuna għall-bżonnijiet tal-istudenti,

b) l-iżgurar ta' livell u kwalità tat-tagħlim;

14. Jiġbor, iżomm u jipproċessa r-rekords;

15. Jikteb rapporti, jiġbor u jżomm id-data neċessarja f'konnessjoni mal-kors kif mitlub mill-Awtorità tal-Iffinanzjar;

16. Jikkontribwixxi fl-ipproċessar tal-pagamenti tal-istaff;

17. Iwettaq dmirijiet oħrajn kif assenjati mis-Segretarju Permanenti (MEYR) u/jew ir-rapreżentant tiegħu;

18. Iwettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku, kif mitlub mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

L-applikanti għandhom ikunu:

i) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u/jew bil-lingwa Ingliża;

ii) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008) fl-Edukazzjoni, Riżorsi Umani, Politika Soċjali, Managment jew/u Amministrazzjoni, jew kwalifika professjonali komparabbli.

iii) fil-pussess ta' Warrant tal-Għalliema validu maħruġ mill-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema taħt l-artiklu 24(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

Applikanti eliġibbli jkunu mitluba joqogħdu għal intervista u jippreżentaw iċ-ċertifikati oriġinali meta rikjesti, flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP 47) jekk qegħdin fis-Servizz Pubbliku jew ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija jew ekwivalenti maħruġ minn awtorità kompetenti.

Ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP47) aġġornata, jew ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew xi awtorità kompetenti oħra sa

12. Adhering to established working procedures while contributing to the on-going development of such;

13. Working closely with other Course Educators involved in the delivery of similar courses in order to identify effective modalities for:

a) Identifying and meeting the learner's needs,

b) Ensuring standardisation and quality of learning;

14. Gathering, keeping and processing of records;

15. Writing reports, gathering and keeping the necessary data in connection with the course as required by the Funding Authority;

16. Contributing in the processing of staff costs;

17. Performing any other duties assigned by the Permanent Secretary (MEYR) and/or his representative;

18. Performing any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Criteria

Applicants should be:

i) able to communicate in the Maltese and/or English languages;

ii) in possession of a recognised qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Education, Human Resources, Social Policy, Management and/or Administration, or a professional comparable qualification;

iii) in possession of a valid Teacher's Warrant issued by the Council for the Teaching Profession (CTP) under article 24(2) of the Education Act.

Eligible applicants will be required to sit for an interview and are to present their original certificates upon request, together with their Service and Leave Record Form (GP 47) if already in the Public service or a valid Police conduct certificate or equivalent issued by a competent authority.

A covering letter, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47) or a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than

mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni flimkien ma' ġabra ta' kwalifiki fil-format ta' Curriculum Vitae għandhom jiġu sottomessi lill-Migrant Learners' Unit, permezz ta' ittra eletronika lil (mlu.meyr@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 9 ta' Settembru, 2022.

Aktar informazzjoni dwar servizzi speċifiċi u kundizzjonijiet, jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (mlu.meyr@gov.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 1584.

It-23 ta' Awwissu, 2022

one (1) month from the date of application and a summary of qualifications in the Curriculum Vitae Format are to be submitted to the Migrant Learners' Unit by email to (mlu.meyr@gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Friday, 9th September, 2022.

Enquiries about specific services required and conditions can be made by email to (mlu.meyr@gov.mt) or by telephone number 2598 1584.

23rd August, 2022

Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 2014-2020
Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' kofinanzjament: 75% Fondi UE 25% Fondi mill-Benefiċjarju
Ġestjoni Sostenibbli ta' Migrazzjoni

Asylum, Migration and Integration Fund 2014-2020
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Kuntratt għal Servizz – Liaison Tutor għall-Welcome Course for Families fil-Proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI +

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Welcome Course for Families huwa inizjattiva organizzata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) permezz tal-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) sabiex joffri appoġġ lil familji Ukreni li għadhom kif jaslu Malta.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jilqa' applikazzjonijiet minn persuni interessati li joffru s-servizzi tagħhom fuq bażi ta' 'Kuntratt għal Servizz' bħala Liaison Tutor għall-Welcome Course for Families fil-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (MT/2016/AMIF/4.01) - LLAPSI+ li huwa parzjalment iffinanzjat mill-*Fond g*ħall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

L-applikanti jkunu mistennija li jipprovdu sa mija u għoxrin (120) siegħa ta' servizz fix-xahar bejn it-3 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Mejju, 2023. Ir-rimunerazzjoni tkun ta' €11.65 (VAT eskluża) fis-siegħa. Ir-rata tinkludi l-preparazzjoni u l-loġistika involuta fil-provediment tas-sessjonijiet.

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Contract for Service – Liaison Tutor For the Welcome Course for Families under the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ Project

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Welcome Course for Families is an initiative organised by the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) through the project Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) to support newly arrived Ukrainian families in Malta.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation notifies that applications are being received from interested persons willing to provide their services on a 'Contract for Service' basis as Liaison Tutor for the Welcome Course for Families within the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS Project (MT/2016/AMIF/4.01) - LLAPSI+ which is part-financed by the Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF).

Applicants will be required to provide up to one hundred and twenty (120) hours of service per month between 3rd October, 2022 and 31st May, 2023. Remuneration will be €11.65 (excluding VAT) per hour. The rate is inclusive of preparation and logistics involved in the delivering the sessions.

Id-dmirijiet ta' Liaison Tutor għall-Welcome Course for Families jinkludu li:

1. Jgħallem is-suġġett/i assenjat/i taħt il-gwida tal-Migrant Learners' Unit, prinċipalment l-Ingliż u/jew il-Malti bħala lingwa barranija.

2. Jassisti fl-interpretazzjoni, jittraduċi u jimmedja matul l-implimentazzjoni tal-korsijiet;

3. Jassisti fl-implimentazzjoni tal-programm/i u fir-reviżjoni tal-istess programm/i permezz ta' statistika, rekord tax-xogħol, u informazzjoni oħra mitluba, skont ix-xogħol meħtieġ;

4. Jipparteċipa b'mod attiv f'taħriġ kontinwu u ppjanar organizzat mill-Migrant Learners' Unit fi ħdan id-Direttorat;

5. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-korsijiet billi jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u mal-Kordinatur tal-Kors fl-iżvilupp tal-għanjiet tat-tagħlim tal-kors, tar-riżorsi u tal-għodda ta' assessjar;

6. Jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u mal-Kordinatur tal-Kors sabiex jiġu żviluppati u implimentati mezzi effettivi li jimmotivaw u jgħinu lill-istudenti;

7. Jassisti lill-Migrant Learners' Unit fi programm ta' riċerka, implimentazzjoni u evalwazzjoni;

8. Josserva prattiki tax-xogħol stabbiliti filwaqt li jagħti sehmu fl-iżvilupp kontinwu ta' dawn il-prattiki;

9. Jieħu sehem attiv fil-proċess ta' assessjar kontinwu għall-istudenti u jżomm rekord tax-xogħol professjonali li jkun qiegħed isir;

10. Jaħdem mill-qrib ma' edukaturi oħra tal-kors involuti fit-tagħlim ta' korsijiet simili sabiex jinstabu mezzi effettivi biex:

a) jidentifika u jilħaq il-bżonnijiet tal-istudenti,

b) jassigura standardizzazzjoni u kwalità tat-tagħlim;

11. Jara li l-apparat fl-iskola/ċentru jinżamm fi stat tajjeb (jekk applikabbli);

12. Dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mis-Segretarju Permanenti (MEYR) u/jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha;

13. Dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku, kif mitluba mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

L-applikanti għandhom ikunu:

The duties of a Liaison Tutor for the Welcome Course for Families shall include:

1. Teaching of the subject/s assigned based on the guidance of the Migrant Learners' Unit, namely English and/or Maltese as a foreign language;

2. Assisting in interpreting, translating and mediating during the running of the courses;

3. Assisting in programme implementation and reviews by providing the necessary statistics, record of work and other information requested related to appointed tasks;

4. Actively participating in on-going training and planning opportunities organised by the Migrant Learners' Unit within the Directorate;

5. Contributing to the development of courses by working closely with the Education Officer and Course Coordinator in developing the learning outcomes of the course, resources and assessment tools as needed;

6. Working closely with the Education Officer and Course Coordinator to develop and implement effective approaches to motivate and support learners;

7. Assisting the Migrant Learners' Unit in programme research, implementation and review;

8. Adhering to established working procedures while contributing to the on-going development of such;

9. Taking an active part in the continuous assessment of learners and recording outcomes of such professional intervention;

10. Working closely with other Course Educators involved in the delivery of similar courses in order to identify effective modalities for:

a) identifying and meeting the learner's needs

b) ensuring standardisation and quality of learning;

11. Caring for equipment available in the school/centre (if applicable);

12. Performing any other duties assigned by the Permanent Secretary (MEYR) and/or his representative;

13. Performing any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Criteria

Applicants should be:

i) kapaċi jikkomunikaw bl-Ingliż jew bil-Malti u bl-Ukren;

ii) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF fis-suġġett/qasam li qed japplika għalih, jew kwalifika professjonali komparabbli.

Tingħata kunsiderazzjoni lil min huwa fil-pussess ta' Warrant tal-Għalliema validu maħruġ mill-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema taħt l-artiklu 24(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni jew liċenzja professjonali fil-qasam tal-pedagoġija.

Applikanti eliġibbli jkunu mitluba joqogħdu għal intervista u jippreżentaw iċ-ċertifikati oriġinali meta rikjesti, flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP 47) jekk qegħdin fis-Servizz Pubbliku jew ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija jew ekwivalenti maħruġ minn awtorità kompetenti.

Ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP47) aġġornata, jew ċertifikat ta' kondotta maħruġ mill-Pulizija jew xi awtorità kompetenti oħra sa mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni flimkien ma' ġabra ta' kwalifiki fil-format ta' Curriculum Vitae għandhom jiġu sottomessi lill-Migrant Learners' Unit, permezz ta' ittra elettronika lil (mlu.meyr@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 9 ta' Settembru, 2022.

Aktar informazzjoni dwar servizzi speċifiċi u kundizzjonijiet jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (mlu.meyr@gov.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 1584.

It-23 ta' Awwissu, 2022

i) able to communicate in English or Maltese and Ukrainian;

ii) in possession of a recognised qualification at MQF level 4 in the subject/area applied for or a professional comparable qualification.


Due consideration will be given to candidates in possession of a valid Teacher's Warrant issued by the Council for the Teaching Profession (CTP) under article 24(2) of the Education Act or a pedagogical professional license.

Eligible applicants will be required to sit for an interview and are to present their original certificates upon request, together with their Service and Leave Record Form (GP 47) if already in the Public service or a valid Police conduct certificate or equivalent issued by a competent authority.

A covering letter, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47) or a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and a summary of qualifications in the Curriculum Vitae Format are to be submitted to the Migrant Learners' Unit by email to (mlu.meyr@gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Friday, 9th September, 2022.

Enquiries about specific services required and conditions can be made by email to (mlu.meyr@gov.mt) or by telephone number 2598 1584.

23rd August, 2022



Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 2014-2020
Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' kofinanzjament: 75% Fondi UE 25% Fondi mill-Benefiċjarju
Ġestjoni Sostenibbli ta' Migrazzjoni



Asylum, Migration and Integration Fund 2014-2020
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Kuntratt għal Servizz – Għalliema għall-Welcome Course for Families fil-Proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI +

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Welcome Course for Families huwa inizjattiva organizzata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Contract for Service – Tutor For the 'Welcome Course for Families' under the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ Project

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Welcome Course for Families is an initiative organised by the Ministry for Education, Sport, Youth,

Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) permezz tal-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) sabiex joffri appoġġ lil familji Ukreni li għadhom kif jaslu Malta.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jilqa' applikazzjonijiet minn persuni interessati li joffru s-servizzi tagħhom fuq bażi ta' 'Kuntratt għal Servizz' bħala Għalliema għall-Welcome Course for Families fil-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (MT/2016/AMIF/4.01) – LLAPSI+ li huwa parzjalment iffinanzjat mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

L-applikanti jkunu mistennija li jipprovdu sa sitta u tletin (36) siegħa ta' servizz fix-xahar bejn it-3 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Mejju, 2023. Ir-rimunerazzjoni tkun ta' €11.65 (VAT eskluża) fis-siegħa. Ir-rata tinkludi l-preparazzjoni u l-loġistika involuta fil-provediment tas-sessjonijiet.

Id-dmirijiet ta' Għalliem għall-Welcome Course for Families jinkludu li:

1. Jgħallem is-suġġett/i assenjat/i taħt il-gwida tal-Migrant Learners' Unit, prinċipalment l-Ingliż u/jew il-Malti bħala lingwa barranija;

2. Jassisti fl-implimentazzjoni tal-programm/i u fir-reviżjoni tal-istess programm/i permezz ta' statistika, rekord tax-xogħol, u informazzjoni oħra mitluba, skont ix-xogħol meħtieġ;

3. Jipparteċipa b'mod attiv f'taħriġ kontinwu u ppjanar organizzat mill-Migrant Learners' Unit fi ħdan id-Direttorat;

4. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-korsijiet billi jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u mal-Kordinatur tal-Kors fl-iżvilupp tal-għanjiet tat-tagħlim tal-kors, tar-riżorsi u tal-għodod ta' assessjar;

5. Jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u mal-Kordinatur tal-Kors sabiex jiġu żviluppati u implimentati mezzi effettivi li jimmotivaw u jgħinu lill-istudenti;

6. Jassisti lill-Migrant Learners' Unit fi programm ta' riċerka, implimentazzjoni u evalwazzjoni;

7. Josserva prattiki tax-xogħol stabbiliti filwaqt li jagħti sehmu fl-iżvilupp kontinwu ta' dawn il-prattiki;

8. Jieħu sehem attiv fil-proċess ta' assessjar kontinwu għall-istudenti li qegħdin jitgħallmu u jżomm rekord tax-xogħol professjonali li jkun qiegħed isir;

9. Jaħdem mill-qrib ma' edukaturi oħra tal-kors involuti fit-tagħlim ta' korsijiet simili sabiex jinstabu mezzi effettivi biex:

Research and Innovation (MEYR) through the project Language Learning and Parental Support for Integration PLUS – LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) to support newly arrived Ukrainian families in Malta.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation notifies that applications are being received from interested persons willing to provide their services on a 'Contract for Service' basis as Tutor for the Welcome Course for Families within the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS Project (MT/2016/AMIF/4.01) – LLAPSI+ which is part-financed by the Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF).

Applicants will be required to provide up to thirty-six (36) hours of service per month between 3rd October, 2022 and 31st May, 2023. Remuneration will be €11.65 (excluding VAT) per hour. The rate is inclusive of preparation and logistics involved in the delivering the sessions.

The duties of a Tutor for the Welcome Course for Families shall include:

1. Teaching of the subject/s assigned based on the guidance of the Migrant Learners' Unit, namely English and/or Maltese as a foreign language;

2. Assisting in programme implementation and reviews by providing the necessary statistics, record of work and other information requested related to appointed tasks;

3. Actively participating in on-going training and planning opportunities organised by the Migrant Learners' Unit within the Directorate;

4. Contributing to the development of courses by working closely with the Education Officer and Course Coordinator in developing the learning outcomes of the course, resources and assessment tools as needed;

5. Working closely with the Education Officer and Course Coordinator to develop and implement effective approaches to motivate and support learners;

6. Assisting the Migrant Learners' Unit in programme research, implementation and review;

7. Adhering to established working procedures while contributing to the on-going development of such;

8. Taking an active part in the continuous assessment of learners and recording outcomes of such professional intervention;

9. Working closely with other Course Educators involved in the delivery of similar courses in order to identify effective modalities for:

a) jidentifika u jilħaq il-bżonnijiet tal-istudenti,

b) jassigura standardizzazzjoni u kwalità tat-tagħlim;

10. Jara li l-apparat fl-iskola/ċentru jinżamm fi stat tajjeb (jekk applikabbli);

11. Dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mis-Segretarju Permanenti (MEYR) u/jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha;

12. Dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku, kif mitluba mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

L-applikanti għandhom ikunu:

i) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ii) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF fis-suġġett/qasam li qed japplika għalih, jew kwalifika professjonali komparabbli.

iii) fil-pussess ta' Warrant tal-Għalliema validu maħruġ mill-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema taħt l-artiklu 24(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

Applikanti eliġibbli jkunu mitluba joqogħdu għal intervista u jippreżentaw iċ-ċertifikati oriġinali meta rikjesti, flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP 47) jekk qegħdin fis-Servizz Pubbliku jew ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija jew ekwivalenti maħruġ minn awtorità kompetenti.

Ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP47) aġġornata, jew ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew xi awtorità kompetenti oħra sa mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni flimkien ma' ġabra ta' kwalifiki fil-format ta' Curriculum Vitae għandhom jiġu sottomessi lill-Migrant Learners' Unit, permezz ta' ittra elettronika lil (mlu.meyr@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 9 ta' Settembru, 2022.

Aktar informazzjoni dwar servizzi speċifiċi u kundizzjonijiet jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (mlu.meyr@gov.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 1584.

It-23 ta' Awwissu, 2022

a) identifying and meeting the learner's needs,

b) ensuring standardisation and quality of learning;

10. Caring for equipment available in the school/centre (if applicable);

11. Performing any other duties assigned by the Permanent Secretary (MEYR) and/or his representative;

12. Performing any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Criteria

Applicants should be:

i) able to communicate in the Maltese and English languages;

ii) in possession of a recognised qualification at MQF level 4 in the subject/area applied for or a professional comparable qualification;

iii) in possession of a valid Teacher's Warrant issued by the Council for the Teaching Profession (CTP) under article 24(2) of the Education Act.

Eligible applicants will be required to sit for an interview and are to present their original certificates upon request, together with their Service and Leave Record Form (GP 47) if already in the Public service or a valid Police conduct certificate or equivalent issued by a competent authority.

A covering letter, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47) or a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and a summary of qualifications in the Curriculum Vitae Format are to be submitted to the Migrant Learners' Unit by email to (mlu.meyr@gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Friday, 9th September, 2022.

Enquiries about specific services required and conditions can be made by email to (mlu.meyr@gov.mt) or by telephone number 2598 1584.

23rd August, 2022

Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 2014-2020
Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' kofinanzjament: 75% Fondi UE 25% Fondi mill-Benefiċjarju
Ġestjoni Sostenibbli ta' Migrazzjoni

Asylum, Migration and Integration Fund 2014 – 2020
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-Edexcel Londra Jannar 2023

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li applikazzjonijiet online se jkunu aċċettati għall-Eżamijiet tal-Edexcel Londra Jannar 2023 minn nhar it-Tnejn, 12 ta' Settembru, 2022, sal-Ġimgħa, 16 ta' Settembru, 2022 (iż-żewġ dati inklużi) billi wieħed jagħmel login fuq (www.myexams.gov.mt).

It-23 ta' Awwissu, 2022

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Edexcel London January 2023 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that online applications will be accepted for Edexcel London January, 2023 Examinations from Monday, 12th September, 2022, till Friday, 16th September, 2022 (both dates included) by logging in on (www.myexams.gov.mt).

23rd August, 2022

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf lill-pubbliku ġenerali li s-Sibt, 27 u l-Ħadd, 28 ta' Awwissu, 2022, mis-7.00 p.m. 'il quddiem, se jitella' l-Karnival tas-Sajf.

Il-Ħamis, 25 ta' Awwissu u l-Ġimgħa, 26 ta' Awwissu, 2022, fi Triq Toni Bajada u Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar, mhux se jitħalla jsir parkeġġ mit-8.00 a.m. 'il quddiem.

Is-Sibt, 27 ta' Awwissu, 2022, Triq Toni Bajada, Plajjet Bognor, Dawret il-Gżejjer, Triq it-Trunċiera (bejn il-Pjazza u Triq Għawdex) u Triq il-Merluzz, San Pawl il-Baħar, se jkunu magħluqa għat-traffiku mis-6.00 p.m 'il quddiem u mhux se jitħalla jsir parkeġġ mit-8.00 a.m 'il quddiem f'Dawret il-Gżejjer, Misraħ il-Bajja, Triq il-Bajja, Triq it-Trunċiera, Triq il-Merluzz, Triq il-Fliegu u Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar.

Il-Ħadd, 28 ta' Awwissu, 2022, Dawret il-Gżejjer minn kantuniera ma' Triq ir-Rebbiegħa sa Triq it-Trunċiera kantuniera ma' Triq Għawdex u Triq il-Bajja, San Pawl il-Baħar, se jkunu magħluqa għat-traffiku mis-6.00 pm. 'il quddiem u mhux se jitħalla jsir parkeġġ mit-8.00 a.m. 'il quddiem f'Dawret il-Gżejjer,Triq it-Trunċiera, Misraħ il-Bajja, Triq ir-Rebbiegħa, Triq il-Bajja, Triq il-Merluzz, Triq il-Fliegu u Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviz ikunu suġġet li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Awwissu, 2022

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCI

Suspension of Traffic and Parking

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies the general public that on Saturday, 27th and Sunday, 28th August, 2022, the Summer Carnival will be organised as from 7.00 p.m. onwards.

On Thursday, 25th August and Friday, 26th August, 2022, no vehicles will be allowed to park in Triq Toni Bajada and Dawret il-Gżejjer, St Paul's Bay, from 8.00 a.m. onwards.

On Saturday, 27th August 2022 Triq Toni Bajada, Plajjet Bognor, Dawret il-Gżejjer, Triq it-Trunċiera (from Buġibba Square to Triq Għawdex) and Triq il-Merluzz, St Paul's Bay, will be closed for traffic from 6.00 p.m. onwards. No vehicles will be allowed to park at Dawret il-Gżejjer, Misraħ il-Bajja,Triq it-Trunċiera, Triq il-Merluzz,Triq il-Fliegu and Triq il-Port Ruman, St Paul's Bay, as from 8.00 a.m. onwards.

On Sunday, 28th August 2022, Dawret il-Gżejjer from corner with Triq ir-Rebbiegħa to Triq it-Trunċiera corner with Triq Għawdex and Triq il-Bajja, St Paul's Bay, will be closed for traffic as from 6.00 p.m. onwards. No vehicles will be allowed to park at Dawret il-Gżejjer, Triq it-Trunċiera, Misraħ il-Bajja, Triq ir-Rebbiegħa, Triq il-Merluzz, Triq il-Fliegu and Triq il-Port Ruman, St Paul's Bay, from 8.00 a.m. onwards.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

23rd August, 2022

KUMMISSJONI GĦAD-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABBILTÀ (CRPD)

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD) tgħarraf li:

COMMISSION FOR THE RIGHTS OF PERSONS WITH DISABILITY (CRPD)

The Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD) notifies that:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2022, jintlaqgħu offerti magħluqa għal:

Kwot. Nru CRPD/RFQ/0222. Produzzjoni u stampar ta' EU Disability Cards

Dokumenti relatati ma' din is-sejħa jistgħu jinkisbu mis-segretarjat tas-CRPD f'dan l-indirizz:

CRPD
G5 Offices
Triq Salvu Psaila
Birkirkara BKR 9077

Jew permezz ta' ittra elettronika lil (procurement@crpd.org.mt)

L-applikazzjonijiet għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

It-23 ta' Awwissu, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 25 ta'Awwissu, 2022, għal:

Avviż Nru. 89. Bejgħ tale quale ta' sit fi Triq il-Bullara u kantuniera ma' Triq Laurent Ropa, Ix-Xagħra, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2020_0643. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €12,800 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mitrjn u erbgħin elf ewro (€240,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advert No. 90. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' garaxx tale quale fi Triq Salvu Sacco, Ħal Kirkop, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0269. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €20,142 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u sebgħa mija u erbatax-il ewro (€6,714) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Sealed quotations will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 6th September, 2022, for:

Quot. No. CRPD/RFQ/0222. Production and printing of EU Disability Cards

Documents can be obtained from CRPD's secretariat on this address:

CRPD
G5 Offices
Triq Salvu Psaila
Birkirkara BKR 9077

Or by email to (procurement@crpd.org.mt)

Applications should be deposited in the offers box at the above mentioned address.

23rd August, 2022

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 25th August, 2022, for:

Advt No. 89. Sale tale quale of a site at Triq il-Bullara and cornering with Triq Laurent Ropa, Xagħra, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D. 2020_0643. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €12,800 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two hundred and forty thousand euro (€240,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 90. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a garage tale quale at Triq Salvu Sacco, Ħal Kirkop, as shown edged in red on the plan P.D.2019_0269. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €20,142 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of six thousand and seven hundred and fourteen euro (€6,714) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advert No. 91. Bejgħ tale quale ta' Sit fi Triq it-8 ta' Mejju, Marsaxlokk, kif muri bl-aħmar u fid-dettall fuq il-pjanta P.D.2015_0574_B. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €12,586 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u għoxrin elf u tmien mija u sittin ewro (€125,860) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 91. Sale tale quale of a Site at Triq it-8 ta'Mejju, Marsaxlokk, as shown edged in red and in detail on the plan P.D.2015_0574_B. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €12,586 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and twenty-five thousand and eight hundred and sixty euro (€125,860) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advert No. 92. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-ħanut vojt f'Nru. 18, City Gate, Misraħ il-Ħelsien, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar u mmarkat Shop No. 18 fuq il-pjanta P.D.2006_549_18. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €22,384 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebat elef u erba' mija u wieħed u sittin ewro (€7,461) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 92. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare shop at No. 18, City Gate, Misrah il-Ħelsien, Valletta, as shown edged in red and marked Shop No. 18 on plan P.D.2006_549_18. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €22,384 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven thousand and four hundred and sixty-one euro (€7,461) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru. 93. Bejgħ tale quale ta' garaxx u drive-in li jifformaw parti minn dar f'Nru. 6, 'Paul Mar', Qasam tad-Djar Ta' Giorni, Triq Hans Stumme, San Ġiljan, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0601. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur il-proprjetà adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €6,224 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u sittin elf u mitejn u tnejn u erbgħin ewro (€62,242) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 93. Sale tale quale of a garage and drive-in which form part of a house at No. 6, 'Paul Mar', Ta' Giorni Housing Estate, Triq Hans Stumme, San Ġiljan, as shown edged in red on the plan P.D. 2021_0601. This property is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €6,224 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixty-two thousand and two hundred and forty-two euro (€62,242) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Avviż Nru. 94. Kiri, għall-perjodu li fadal ta' żewġ kirjiet preżenti li jintemmu fis-17 ta' Lulju, 2026, tal-ħanut vojt fi Triq l-Isqof Buhagiar, Paola, kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'A' fuq il-pjanta P.D.2010_326_1 u is-sit adjaċenti mmarkat bl-ittra 'B' fuq l-istess pjanta P.D.2010_326_1. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €23,012 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebat elef u sitt mija u wieħed u sebgħin ewro (€7,671) fis-sena għaż-żewġ kirjiet flimkien ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 94. Lease, for the remaining period of two present separate leases which end on the 17th July, 2026, of the bare shop at Triq l-Isqof Buhagiar, Paola, as shown edged in red and marked letter 'A' on plan P.D.2010_326_1 and the adjacent site marked letter 'B' on the same plan P.D.2010_326_1. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €23,012 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven thousand and six hundred and seventy-one euro (€7,671) per annum for the two leases together will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

It-23 ta' Awwissu, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies) Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 13 ta' Settembru, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-0972/22. Provvista ta' 'water for injection 5 ml and water for injection 100 ml'

CFT 021-0973/22. Provvista ta' 'phytate kit'

CFT 020-0974/22. Provvista ta' 'ultra small profile retrieval snares'

CFT 020-0975/22. Provvista ta' 'French introducer sheaths'

CFT 020-0976/22. Provvista ta' 'pacemaker allan keys'

CFT 020-0977/22. Provvista ta' 'Josephson diagnostic cardiac electrophysiology catheters with cables'

CFT 020-0978/22. Provvista ta' 'coronary pressure wires for IFR' u koreġistrazzjoni

CFT 021-0979/22. Provvista ta' 'Lidocaine Hydrochloride gel 2%'

CFT 021-0980/22. Provvista ta' 'Amantadine 100mg capsules/tablets'

CFT 021-0981/22. Provvista ta' 'Tenofovir alafenamide 25mg tablet'

CFT 021-0982/22. Provvista ta' 'Sulpiride oral solution'

CFT 021-0983/22. Provvista ta' 'Sulpiride 50mg capsules/tablets'

CFT 021-0984/22. Provvista ta' 'Imipramine 25mg tablets'

CFT 009-0985/22. Provvista u installazzjoni ta' ventilazzjoni u sistemi ta' AC għal standards tal-enerġija u ambjentali għoljin

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

23rd August, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies) Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. on Tuesday, 13th September, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 021-0972/22. Supply of water for injection 5 ml and water for injection 100 ml

CFT 021-0973/22. Supply of phytate kit

CFT 020-0974/22. Supply of ultra small profile retrieval snares

CFT 020-0975/22. Supply of French introducer sheaths

CFT 020-0976/22. Supply of pacemaker allan keys

CFT 020-0977/22. Supply of Josephson diagnostic cardiac electrophysiology catheters with cables

CFT 020-0978/22. Supply of coronary pressure wires for IFR and co-registration

CFT 021-0979/22. Supply of Lidocaine Hydrochloride gel 2%

CFT 021-0980/22. Supply of Amantadine 100mg capsules/tablets

CFT 021-0981/22. Supply of Tenofovir alafenamide 25mg tablet

CFT 021-0982/22. Supply of Sulpiride oral solution

CFT 021-0983/22. Supply of Sulpiride 50mg capsules/tablets

CFT 021-0984/22. Supply of Imipramine 25mg tablets

CFT 009-0985/22. Supply and installation of ventilation and AC systems to high energy and environmental standards

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More

f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-23 ta' Awwissu, 2022

DIVIŻJONI TAL-ISTRATEĠIJA
U L-IMPLIMENTAZZJONI
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI
EWROPEJ U L-ARTIJIET

Konsultazzjoni Pubblika

Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Istrateġija u l-Implimentazzjoni fi ħdan l- Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, jgħarraf lill-pubbliku bil-proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-valutazzjoni ambjentali tal-programm PAK-PS 2023-2027.

Ir-rapport ambjentali u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku (www.eufunds.gov.mt) jew mid- Diviżjoni tal-Istrateġija u l-Implimentazzjoni, Sezzjoni Fondi Ewropej, 32, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta VLT 1850. Sottomissjonijiet jistghu jintbaghtu sa nofsinhar CEST tal-Ġimgħa, 26 ta' Awwissu, 2022. permezz ta :

ittra elettronika lil (feedback.cap@gov.mt), jew

bil-posta indirizzata lid-Diviżjoni tal-Istrateġija u l-Implimentazzjoni, Sezzjoni Fondi Ewropej, 32, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta VLT 1850.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-istess sit.

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-23 ta' Awwissu, 2022

information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

23rd August, 2022

DIVISION OF STRATEGY
AND IMPLEMENTATION
MINISTRY FOR THE ECONOMY, EUROPEAN
FUNDS AND LANDS

Public Consultation

The Director-General, Division of Strategy and Implementation within the Ministry of the Economy, European Funds and Lands, informs the public of the public consultation process on the environmental assessment of the CAP-SP programme 2023-2027.

Environmental report and other documents can be obtained from the electronic website (www.eufunds.gov.mt) or from the Strategy and Implementation Division, European Funds Section, 32, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta VLT 1850. Submissions can be sent until noon CEST on Friday, 26th August, 2022, via:


email to (feedback.cap@gov.mt), or

by post addressed to Strategy and Implementation Division, European Funds Section, 32, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta VLT 1850.

More information can be found on the same site.

Late proposals will not be considered.

23rd August, 2022



Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
Rata ta' kofinanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali

European Structural and Investment Funds 2014-2020
Co-financing rate: 80% European Union Funds; 20% National Funds



AĠENZIJA ŻGĦAŻAĠĦ

AZ022/2022 – Espressjoni ta' Interess għal Servizz ta' Esperti Prattikanti f'Diversi Oqsma ma' Aġenzija Żgħażagħ

Aġenzija Żgħażagħ, qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal servizz ta' esperti prattikanti f'diversi oqsma sabiex jiġu provduti sezzjonijiet u programmi liż-żgħażagħ, skont kif meħtieġ.

AĠENZIJA ŻGĦAŻAĠĦ

AZ022/2022 – Expression of Interest for Various Expert Practitioners with Aġenzija Żgħażagħ

Aġenzija Żgħażagħ is inviting applications for the Expression of Interest for Various Expert Practitioners Provision of Service to be provided for Aġenzija Żgħażagħ's programmes and projects.

Informazzjoni dettaljata hija aċċessibbli mis-sit elettroniku ta' Aġenzija Żgħażagħ (https://youth.gov.mt/expression-of-interest/).

L-applikazzjonijiet, f'format ta' European Curriculum Vitae flimkien mal-kwalifiki u esperjenza ta' xogħol jiġu milqugħa minn Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, f'envelop issiġillat għall-attenzjoni ta' Rowena M. Borg sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 12 ta' Settembru, 2022, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed sabiex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien ġurnata ta' ħidma mis-sottomissjoni.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jistgħu jinkisbu mingħand Rowena M. Borg bin-numru tat-telefown 9989 1714 mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (rowena.borg@gov.mt).

It-23 ta' Awwissu, 2022

KUNSILL LOKALI L-ĦAMRUN

Il-Kunsill Lokali l-Ħamrun jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Ħamrun sa nofsinhar tat-Tlieta, 23 ta' Settembru, 2022, għal:

Xogħlijiet ta' pavimentar fl-ewwel Scout Group Ħamrun Triq il-Ferrovija, Il-Ħamrun (ERDF05.105).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS min fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq il-website u wieħed jista' jarahom jew jitniżżlu mill-istess sit.

It-23 ta' Awwissu, 2022

KUNSILL LOKALI X-XAGĦRA

Il-Kunsill Lokali x-Xagħra jgħarraf illi:

Sejħiet għall-kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali x-Xagħra, permezz tal-ePPS, sal-10.30 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' Settembru, 2022, għal:

Avviż Nru. TXLC/05/2022. Twaqqigħ u kostruzzjoni, u xogħlijiet ta' tlestija inkluż xogħlijiet ta' M u E taċ-Ċentru

Full details and specifications can be downloaded from Aġenzija Żgħażagħ website (https://youth.gov.mt/expression-of-interest/).

Applications, in a European Curriculum Vitae format including qualifications and work experience, must be received by Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, in a sealed envelope addressed for the attention of Rowena M. Borg by not later than Monday, 12th September, 2022, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above stipulated deadline. These applications will be acknowledged in writing by Aġenzija Żgħażagħ within one working day.

Late applications will not be considered.

Further information or queries, may be obtained from Rowena M. Borg on telephone number 9989 1714 from Monday to Friday from 8.00 a.m. till 1.00 p.m., or by email to (rowena.borg@gov.mt).

23rd August, 2022

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

The Ħamrun Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħamrun Local Council through ePPS, up to noon of Tuesday, 23rd September, 2022, for:

Pavement works at 1st Ħamrun Scout Group, Triq il-Ferrovija, Ħamrun (ERDF05.105).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the Tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

23rd August, 2022

XAGĦRA LOCAL COUNCIL

The Xagħra Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Xagħra Local Council through ePPS, up to 10.30 a.m. on Wednesday, 28th September, 2022, for:

Advt No. TXLC/05/2022. Demolition and construction, finishing including M and E works of the new Xagħra Civic

Ċiviku l-ġdid tax-Xagħra inkluż standards ta' prestazzjoni ambjentali u b'enerġija għolja.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-23 ta' Awwissu, 2022

KUNSILL REĠJONALI GĦAWDEX

Il-Kunsill Reġjonali Għawdex jgħarraf illi:

Sal-10.30 a.m. tal-Erbgħa, 28 ta' Settembru, 2022, se jintlaqgħu offerti mill-Kunsill Reġjonali Għawdex għal:

Avviż Nru. RGH/04/2022. Servizzi – provvediment ta' servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi u ta' komunikazzjoni mill-Kunsill Reġjonali, Għawdex.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-23 ta' Awwissu, 2022

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf illi:

Sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Settembru, 2022, permezz tal-ePPS jirċievi offerti għal:

Avviż. Nru. MLC 7/2022. Provvista u installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi u batteriji fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali l-Mellieħa bl-użu ta' prodotti li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jistgħu jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom, jew iniżżilhom mill-istess sit.

Centre to high energy and environmental performance standards.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

23rd August, 2022

GOZO REGIONAL COUNCIL

The Gozo Regional Council notifies that:

Tenders will be received by the Gozo Regional Council till 10.30 a.m. of Wednesday, 28th September, 2022, for:

Advt No. RGH/04/2022. Services – provision of public relations and communications services for the Gozo Regional Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed, downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Gozo Regional Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

23rd Awwissu, 2022

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

The Mellieħa Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS up to noon (Central European Time) on Tuesday, 13th September, 2022, for:

Advt No. MLC 7/2022. Supply and installation of photovoltaic panels and batteries at the Mellieħa Local Council Office using environmentally friendly products.

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be available for viewing and download from the same website.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalukwe offerta, anke l-aktar waħda li tidher vantaġġjuża.

It-23 ta' Awwissu 2022

KUNSILL LOKALI PAOLA

Il-Kunsill Lokali Paola jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti permezz tal-ePPS għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Paola sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Settembru, 2022, għal:

Provvista u installazzjoni ta' PV panels u batteriji fil-Kunsill Lokali Paola.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-23 ta' Awwissu, 2022

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Għarb sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Settembru, 2022, għal:

Avviż Nru. GRB/13/22. Xogħlijiet – rinnovar tal-librerija tal-Għarb.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-23 ta' Awwissu, 2022

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most seemingly advantageous.

23rd August, 2022

PAOLA LOCAL COUNCIL

The Paola Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Paola Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Friday, 23rd September, 2022, for:

Supply and installation of PV panels and batteries at the Paola Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

23rd August, 2022

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Għarb Local Council up to 10.00 a.m. on Tuesday, 13th September, 2022, for:

Advt GRB/13/22. Works – refurbisment of Għarb branch library.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

23rd August, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1455

ARB/C066/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-16 ta' Awwissu, 2022, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dr Consuelo Scerri Herrera, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

NICHOLAS CACHIA, impjegat, ta' 47 sena, iben Joseph u Bernardette xebba Polidano, imwieled Ħ'Attard, Malta, fis-6 ta' Awwissu, 1975, residenti ġewwa 37, Triq Iċ-Ċitru, Ħ'Attard, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 359075M.

U

JOSEPH CACHIA;

Il-Qorti TAWTORIZZA lill-bank HSBC Bank Malta plc sabiex jaċċetta t-trasferiment tal-bilanċ fl-intjier tiegħu tal-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat NICHOLAS CACHIA li jispiċċa -8002, versu l-kont tal-bank li jispiċċa -8001 li huwa wkoll intestat f'isem l-imputat u dan sabiex iħallsu s-self għad-dar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Ian Farrugia, LLD) fit-30 ta' Awwissu, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-3 ta' Settembru, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' NICHOLAS CACHIA u Joseph Cachia.

Illum 18 ta' Awwissu, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

ARB/C066/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 16th August, 2022, given by the Criminal Court (Hon. Madame Justice Dr Consuelo Scerri Herrera, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

NICHOLAS CACHIA, employee, 47 years, son of Joseph and Bernardette née Polidano, born in Ħ'Attard, Malta, on the 6th August, 1975, residing at 37, Triq Iċ-Ċitru, Ħ'Attard, and holder of Maltese identity card bearing number 359075M.

AND

JOSEPH CACHIA;

The Court AUTHORISES the bank HSBC Bank Malta plc to accept the transfer of the entire balance held in bank account listed in the name of the accused NICHOLAS CACHIA and ending in -8002, into the bank account ending in -8001 also listed in the name of the accused in order to cover payments for home loan.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Ian Farrugia, LLD) on the 30th August, 2021, which was published in the Government Gazette on the 3rd September, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to NICHOLAS CACHIA and Joseph Cachia.

Today 18th August, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1456

ARB/C092/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Awwissu, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala

ARB/C092/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 3rd August, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as

Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Gabriella Vella, LLD). Kumpilazzjoni Numru 749/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta
Kontra

HESHAM ZAYED;

ESSAM A MOHAMED EDERNAWI;

P.H.F. LIMITED;

U.G.T. COMPANY LIMITED;

EXPRESS ROUTE COMPANY LIMITED;

HZ MEDICAL EQUIPMENT AND HEALTH SERVICES COMPANY LIMITED;

U

H&H INVESTMENTS LIMITED, inkorporata fit-13 ta' Jannar, 2017, bin-numru tar-reġistrazzjoni Malti C75426 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 66, Triq Paceville, San Ġiljan.

Il-Qorti TAWTORIZZA lin-Nutar Pubbliku Dr Carabott li titħallas is-somma ta' għaxart elef mitejn u ħamsin ewro (€10,250) rappreżentanti ammont dovut mis-soċjetà imputata H&H INVESTMENTS LIMITED mill-ammont li bħalissa huwa miżmum mill-imsemmija Nutar Pubbliku, u li tiddepożita l-bilanċ rimanenti ta' disat elef tmien mija u ħamsa u tletin ewro (€9,835) fil-kont tal-bank intestat f'isem is-soċjetà imputata li jispiċċa -1109 li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Il-Qorti TORDNA lil konjuġi Caruana li jiddepożitaw is-somma ta' mija u erbgħa u tmenin elf disa' mija u ħamsin ewro (€184,950) dovuti lis-soċjetà imputata H&H INVESTMENTS LIMITED fil-kont tal-bank intestat f'isem is-soċjetà imputata li jispiċċa -1109 li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) fis-27 ta' Novembru, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-7 ta' Diċembru, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Hesham Zayed, Essam A Mohamed Edernawi, P.H.F. Limited, U.G.T. Company Limited, Express Route Company Limited, HZ

a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD). Compilation Number 749/2021, in the case:

The Republic of Malta
Versus

HESHAM ZAYED;

ESSAM A MOHAMED EDERNAWI;

P.H.F. LIMITED;

U.G.T. COMPANY LIMITED;

EXPRESS ROUTE COMPANY LIMITED;

HZ MEDICAL EQUIPMENT AND HEALTH SERVICES COMPANY LIMITED;

AND

H&H INVESTMENTS LIMITED, incorporated on the 13th January, 2017, with Maltese registration number C75426 and registered address at 66, Triq Paceville, San Ġiljan.

The Court AUTHORISES the Notary Public Dr Carabott to be paid the sum of ten thousand two hundred and fifty euro (€10,250) representing amount due by the accused H&H INVESTMENTS LIMITED from the amount currently held by the mentioned Notary Public, and to deposit the remaining balance of nine thousand eight hundred and thirty-five euro (€9,835) into the bank account listed in the name of the accused ending in -1109 held at the Bank of Valletta plc.

The Court ORDERS the Caruana spouses to deposit the sum of one hundred and eighty-four thousand and nine hundred and fifty euro (€184,950) due to the accused H&H INVESTMENTS LIMITED into the bank account listed in the name of the accused ending in -1109 held at the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) on the 27th November, 2021, which was published in the Government Gazette on the 7th December, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Hesham Zayed, Essam A Mohamed Edernawi, P.H.F. Limited, U.G.T. Company

Medical Equipment and Health Services Company Limited u H&H INVESTMENTS LIMITED.

Illum 19 ta' Awwissu, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

Limited, Express Route Company Limited, HZ Medical Equipment and Health Services Company Limited and H&H INVESTMENTS LIMITED.

Today 19th August, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1457

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-1 ta' Diċembru, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mermaid Pools Limited (C18948) ta' 8, Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar, ippreżentaw talba fit-8 ta' Novembru, 2021, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Thomas Engerer (KI 197883M) u Sarah Engerer (KI 325181M) ta' 3, Villa Taota, Triq il-Falkun, il-Kappara, San Ġwann, sabiex iħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €10,920, liema ammont huwa dovut lill-kumpanija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Avviż numru 301/2021VGA) qed tinstema' mill-Magistrat Dr Victor G. Axiak, LLD.

Notifika: Thomas Engerer (KI 197883M) u Sarah Engerer (KI 325181M) ta' 3, Villa Taota, Triq il-Falkun, il-Kappara, San Ġwann

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Registratur, Qrati u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 1st December, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mermaid Pools Limited (C18948) of 8, Triq Burmarrad, Burmarrad, limits of St Paul's Bay, filed a Claim on the 8th November, 2021, whereby they asked the Court to condemn Thomas Engerer (ID 197883M) and Sarah Engerer (ID 325181M) of 3 Villa Taota, Triq il-Falkun, Kappara, San Ġwann, to pay the plaintiff company the sum of €10,920, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Notice number 301/2021VGA) is to be heard before Magistrate Dr Victor G. Axiak, LLD.

Notification: Thomas Engerer (ID 197883M) and Sarah Engerer (ID 325181M) of 3, Villa Taota, Triq il-Falkun, Kappara, San Ġwann

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1458

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-2 ta' Mejju, 2022, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Shawn Zammit.

Go plc (C22334) ta' Triq Fra Diegu, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentat Talba, fis-26 ta' April, 2022, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Shawn Zammit (KI 449785M) ta' 122, Triq il-Kbira, San Ġiljan, sabiex iħallas is-soċjetà attriċi s-somma ta' €1796.17, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 2nd May, 2022, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Shawn Zammit in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C22334) of Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 26th April, 2022, whereby they asked the Tribunal to condemn Shawn Zammit (ID 449785M) of 122, Triq il-Kbira, St Julian's, to pay the plaintiff company the sum of €1796.17, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

Il-kawża (Avviż numru 115/2022KCX) hija differita għas-7 ta' Ottubru, 2022, fil-12.15 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim number 115/2022KCX) is deferred on the 7th October, 2022, at 12.15 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1459

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Kevin Colombo et vs Alfred Morrison, Rikors numru 286/2022JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Alfred Morrison a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Kevin Colombo (KI 417971M) u martu Romina Colombo (KI 343573M) vs Alfred Morrison ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-5 ta' April, 2022, ir-rikorrenti Kevin Colombo (KI 417971M) u martu Romina Colombo (KI 343573M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimati skont l-Artikolu 4A(3)(c) tal-Kap. 69 u jiddetermina jekk l-istess intimat jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

2. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi:

a. Ixolji l-kirja favur l-intimat tal-appartament 12, Flat 3, Triq id-Duluri, L-Isla,

b. Jagħti żmien perentorju lill-intimat, li ma jkunx iżjed minn sentejn sabiex jivvakaw minn dan il-fond u jirrilaxxah battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponenti,

c. Jistabbilixxi l-kera pagabbli mill-intimat lill-esponenti għall-okkupazzjoni ta' dan l-appartament matul l-imsemmi perjodu;

3. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimat jissodisfa l-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi jirrevedi l-kera pagabbli mill-intimat għar-rigward tal-appartament 3, fil-Blokk 12, Triq id-Duluri, L-Isla, għal ammont sa 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond imsemmi fl-1 ta' Jannar, 2022, u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-esponenti l-kera hekk riveduta bl-istess skadenzi kurrenti jew b'modalitajiet differenti li dan il-Bord jista' jistabbilixxi fid-diskrezzjoni tiegħu.

By means of a decree of the 13th July, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Kevin Colombo et vs Alfred Morrison, Application number 286/2022JD, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Alfred Morrison in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Kevin Colombo (ID 417971M) and his wife Romina Colombo (ID 343573M) vs Alfred Morrison filed in the Rent Regulation Board, on the 5th April, 2022, the applicants Kevin Colombo (ID 417971M) and his wife Romina Colombo (ID 343573M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Carry out the means test of the respondent, in terms of Article 4A(3)(c) of Cap. 69 and determine whether the same respondents meet the criteria of the means test for income and capital:

2. In the event that this Board finds that the respondent does not meet the criteria of the means test for income and capital:

a. Dissolve the lease in favour of the respondent of the appartment 12, Flat 3, Triq id-Duluri, Isla,

b. give the respondent a period of time, not exceeding two years to vacate the premises and release its vacant possession in good condition to the applicants,

c. establish the rent payable by the respondent to the applicants for the occupation of the premises during the said period;

3. In the event that this Board finds that the respondents meet the criteria of the means tests for income and capital, revise the rent payable by the respondent in relation to the premises number 12, Flat 3, Triq id-Duluri, Isla, to the amount up to 2% per annum of the free and open market value of the premises on the 1st January, 2022, and order the respondents to pay the applicant the revised rent, with the same current installments or in a different manner which this Board might establish at its discretion.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa' inġunti minn issa għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra kompetenti lill-esponenti inkluż għad-danni, jekk ikun il-każ.

Rikorrenti: 12, Flat 2, Triq id-Duluri, L-Isla

Intimati: Alfred Morrison, 12, Flat 3, Triq id-Duluri, L-Isla
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Kevin Colombo et vs Alfred Morrison, Rikors numru 286/2022JD, jinsab differit għas-27 ta' Ottubru, 2022, fil-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs against the respondent who is hereby summoned so that a reference to his oath be made and reserving any other action by the applicants including those for damages as the case may be.

Applicant: 12, Flat 2, Triq id-Duluri, Isla

Respondents: 12, Flat 3, Triq id-Duluri, Isla

Housing Authority

The application in the names Kevin Colombo et vs Alfred Morrison, Application Number 286/2022JD, has been postponed for hearing to the 27th October, 2022, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1460

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Ġunju, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Joseph Debrincat vs Anthony Farrugia et, Rikors numru 151/2022JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Anthony Farrugia u Rita Farrugia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Joseph Debrincat (KI 22868M) vs Anthony u Rita konjugi Farrugia (KI 924946M u KI 609849M rispettivament) u l-Awtorità tad-Djar bħala intervenut in statu et terminis ex lege ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-17 ta' Frar, 2022, ir-rikorrenti Joseph Debrincat (KI 22868M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Wara li jkun sema' lill-partijiet sommarjament u eżamina kwalunkwe evidenza li huwa jqis rilevanti inkluż bl-opera ta' periti nominandi skont il-liġi, jordna l-ħlas ta' żieda fl-ammont tal-kera tal-fond 82, Triq Annunzjata, Il-Ħamrun, Malta, waqt il-pendenza tas-smigħ ta' dan ir-rikors;

2. Jeffettwa t-test tal-mezzi tal-intimati biex jiġi stabbilit jekk, skont l-età tagħhom, huma għandhomx dħul u kapital iktar jew inqas mill-paramentri stabbiliti mill-liġi;

3. F'każ illi d-dħul u l-kapital tal-intimati huma ogħla minn dawk stabbiliti mill-liġi, jagħti sentejn (2) żmien għall-iżgumbrament tal-istess intimati u jiffissa l-kera relattiva li għandha topera sad-data tal-iżgumbrament effettiv;

By means of a decree of the 9th June, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Joseph Debrincat vs Anthony Farrugia et , Application number 151/2022JD, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Anthony Farrugia and Rita Farrugia in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Joseph Debrincat (ID 22868M) vs Anthony and Rita spouses Farrugia (ID 924946M and 609849M respectively) and the Housing Authority as intervener in statu et terminis ex lege filed in the Rent Regulation Board, on the 17th February, 2022, the applicant Joseph Debrincat (ID 22868M) requested this Honourable Board why it should not:

1. After hearing the parties summarily and examining any evidence which it considers relevant including by work of architects nominated according to law, order the payment of an increase in the amount of rent of the premises 82, Triq Annunzjata, Ħamrun, Malta, during the hearing of this application;

2. Affect the respondents' means test to determine whether, according to their age, they have more or less income and capital than the parameters established by law;

3. In case the income and capital of the respondents are higher than those established by law, it gives two (2) years time for the eviction of the same respondents and fixes the relative rent that must operate until the date of effective eviction;

4. F'każ li l-intimati m'għandhomx dħul u/jew kapital li jeċċedi l-imsemmija paramentri, tawmenta l-kera b'effett mill-1 ta' Jannar, 2022, sa massimu ta' 2% fis-sena tal-valur liberu fis-suq fl-1 ta' Jannar tas-sena kurrenti u jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera inkluż l-awment annwali tal-istess kera.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kompriżi dawk ta' indoli kostituzzjonali, liema intimati huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Tama Tagħna, 29, Triq San Bert, Ix-Xewkija

Intimati: Anthony u Rita konjugi Farrugia, 82, Triq Annunzjata, Il-Ħamrun, Malta
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Joseph Debrincat vs Anthony Farrugia et, Rikors numru 151/2022JD, jinsab differit għas-6 ta' Ottubru, 2022, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. In the event that the respondents do not have income and/or capital that exceeds the said parameters, increase the rent with effect from 1st January, 2022, up to a maximum of 2% per annum of the free and open market on the 1st January of the current year and lays dawn new conditions regarding rent including the annual increase of the same rent.

With costs against the respondents and subject to any further action due to the applicants including those of a constitutional nature, which respondents are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: Tama Tagħna, 29, Triq San Bert, Xewkija

respondents: Anthony and Rita spouses Farrugia, 82, Triq Annunzjata, Ħamrun, Malta
Housing Authority

The application in the names Joseph Debrincat vs Anthony Farrugia et, Application number 151/2022JD, has been postponed for hearing to the 6th October, 2022, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1461

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-20 ta' Lulju, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1734/2022, fl-ismijiet Hadrien Majoie vs Gilead Raphael Wiseburgh, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Gilead Raphael Wiseburgh a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum, 28 ta' April, 2022

Lil: Gilead Raphael Wiseburgh ta' Apartamenti bin-numri 1801 u 1901, East 3, Fort Cambridge, Triq Tigné, Tas-Sliema u/jew Verdala Flats, Flat No. 23, St George's Park, San Ġiljan

Permezz tal-preżenti, il-mittenti Chev. Hadrien Majoie (KI 0083047A) ta' No. 42, Flat 4, Triq Stella Maris, Tas-Sliema, filwaqt li jagħmel referenza (i) għall-kuntratt ta' lokazzjoni datat 7 ta' Jannar, 2021, iffirmat minnek intimat fil-kwalità tiegħek ta' inkwilin u daparti tal-mittent fil-kwalità tiegħu ta' sid il-kera, rigwardanti l-kiri lilek ta' appartamenti internament konnessi bin-numri 1801 u 1901, East 3, Fort Cambridge, Triq Tigné, Tas-Sliema, u (ii) għan-nuqqas persistenti tiegħek li ma tħallasx il-kont tad-dawl u l-ilma (kopja hawn annessa u immarkat Dokument A) u dan

By means of a decree of the 20th July, 2022, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 1734/2022 in the names Hadrien Majoie vs Gilead Raphael Wiseburgh, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Gilead Raphael Wiseburgh in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 28th April, 2022

To: Gilead Raphael Wiseburgh of Apartments with numbers 1801 and 1901, East 3, Fort Cambridge, Triq Tigné, Tas-Sliema and/or Verdala Flats, Flat No. 23, St George's Park, St Julian's

By means of this present, the interpellant Chev. Hadrien Majoie (ID 0083047A) of No. 42, Flat 3, Triq Stella Maris, Tas-Sliema, while making reference to (i) the lease agreement dated 7th January, 2021, signed by your good self as tenant and by the interpellant as landlord regarding the lease to you of the apartment internally connected numbers 1801 and 1901, East 3, Fort Cambridge, Triq Tigné, Tas-Sliema, and (ii) to the persistent failure on your part to pay the utility bill (copy attached hereto and marked as Document A) and this in breach of your obligations under the aid contract of lease

bi ksur tal-obbligu tiegħek illi tagħmel dan skont l-imsemmi kuntratt ta' lokazzjoni u nonostante l-interpellazjoni bonarja daparti tal-intimat sabiex tonora l-istess obbligi kuntratwali tiegħek, jinterpellak mill-ġdid sabiex fi żmien jumejn min-notifika lilek tal-preżenti ittra uffiċjali inti tħallas l-imsemmi kont tad-dawl u l-ilma.

Jekk inti tonqos milli tagħmel dak hawn mitlub minnek fi żmien konċess lilek, kun avżat illi l-mittent biħsiebu jieħu passi ulterjuri kontrik skont il-liġi, inkluži passi ġudizjarji sabiex jiġi xolt u tterminat l-imsemmi kuntratt ta' lokazzjoni u dan mingħajr preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż kontrik

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

and this notwithstanding the lawyer's letter sent to you by the interpellant demanding that you honour your contractual obligations, formally calls upon you again demanding that within 2 days from the service of this judicial letter upon you, you proceed to pay the aforementioned utility bill.

If you fail to carry out the demands contained in this letter within the said time frame granted to you, please be informed that the interpellant intends to institute further action against you according to law, including judicial action in order to hava a lease agreement dissolved and terminated, and this without any further forewarning.

This is being sent so you are fully aware of the consequences.

With costs

Registry of the Superior Courts today 19th August, 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1462

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Ġunju, 2022, fl-atti tal-kontroprotest numru 97/2022, fl-ismijiet Mary Pace vs Automated Revenue Management Services Ltd et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront tal-intimata Mary Pace.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 3 ta' Marzu, 2022

Fl-atti tal-Kontroprotest Ġudizzjarju numru 97/2022, wara l-protest ġudizzjarju 491/2021fl-ismijiet

Mary Pace (KI 690139M)

vs

Automated Revenue Management Services Limited (C46054) u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma

Kontroprotest tal-Automated Revenue Management Services Limited (C46054) u tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għall-Protest Ġudizzjarju bin-numru 491/2021 intavolat nhar is-17 ta' Diċembru, 2021, jesponu bir-rispett:

Illi l-esponent jagħmlu referenza għall-protest ġudizzjarju intavolat mill-protestanta quddiem din l-Onorabbli Qorti nhar

By means of a decree of the 14th June, 2022, in the records of the judicial counterprotest number 97/2022 in the names Mary Pace vs Automated Revenue Management Services Ltd et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 on the respondent Mary Pace.

In the First Hall of the Civil Court

Today 3rd March, 2022

In the acts of the Judicial counter protest number 97/2022, after judicial protest number 491/2021 in the names

Mary Pace (ID 690139M)

vs

Automated Revenue Management Services Limited (C46054) and the Water Services Corporation

Judicial Counter Protest of Automated Revenue Management Services Limited (C46054) and the Water Services Corporation for Judicial Protest number 491/2021 filed on the 17th December, 2021, whereby they requested with respect:

That the applicants make reference to the judicial protest filed by the respondent before this Honourable Court on the

is-17 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet premessi u jirrispinġu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha kontenuti fl-istess bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti dejjem aġixxew skont dak mitlub minnhom mil-ligi;

Illi preliminarjarment għal dak li jirrigwarda l-kontijiet imsemmija fil-protest inkwistjoni, senjatment għar-rigward tal-interpellazzjoni sabiex jitħassru jew jiġu aġġustati l-kontijiet tal-ilma tal-protestanta, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tirrileva li hi mhix il-leġittimu kontradittur stante li l-Korporazzjoni ma hijiex l-entità responsabbli minn ħruġ ta' kontijiet u għaldaqstant, wisq inqas tista' taġġusthom jew tħassarhom;

Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-fatti ta' dan il-każ hekk kif preżentati mill-protestanta ma jipprovdux stampa ċara ta' dak li fattwalment seħħ u għaldaqstant, filwaqt li jirrispinġu l-allegazzjonijiet miġjuba kontrihom u mingħajr preġudizzju għas-su espost, huma jirrilevaw illi dan il-każ imur lura għas-26 ta' Ġunju, 2018, meta wara diversi tentattivi sabiex jinqara l-meter installat fil-proprjetà inkwistjoni, finalment ittieħed il-qari tal-istess meter u rriżulta li kien hemm użu ta' 4364m^3;

Illi fil-25 ta' Lulju, 2018, il-protestanta kkontestat il-kontijiet tad-dawl u l-ilma billi, bħala paragun mal-ittra uffiċjali mibgħuta lill-Automated Revenue Management Services Limited annettiet kopja ta' kont li jmur lura għad-29 ta' Ġunju, 2017, li huwa mmarkat bħala stima u kont ieħor datat it-28 ta' Ġunju, 2018, li huwa mmarkat bħala kont attwali u għaldaqstant kont li nħareġ wara li nqara l-meter mir-rappreżentant tal-ARMS fis-26 ta' Ġunju, 2018, kif hawn fuq indikat;

Illi l-esponenti jistqarru li ma jistax ikun hemm pargun bejn dawn iż-żewġ kontijiet stante li l-kontijiet li verament juru l-użu fattwali tad-dawl u l-ilma huma dawk immarkati bħala kontijiet attwali;

Illi nhar l-1 ta' Awwissu, 2018, l-Automated Revenue Management Services Limited talbet spjegazzjoni lill-protestanta għalfejn ir-rappreżentanti tagħha ma kinux qegħdin jiġu provduti b'aċċess sabiex jaqraw il-meters biex eventwalment ikun jista' jinħareġ kont attwali;

Illi fis-7 ta' Novembru, 2018, saret talba mill-protestanta sabiex issir leak detection, liema proċedura saret u ma nstab li kien hemm ebda tnixxja mill-installazzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma;

Illi ma saret ebda talba permezz tal-proċeduri formali mal-esponenti f'dan ir-rigward u għaldaqstant, is-sezzjoni tal-metering tal-Korporazzjoni ma kinitx infurmata dwar dan u kien għalhekk illi dan il-meter test fuq il-meter bin-numru N44404 ma sarx mill-Korporazzjoni;

17th December, 2021, in the names premised and refute all the allegations and claims contained in the same as unfounded in fact and at law because the applicants always acted according to what was required of them by law;

That preliminarily with regard to the bills mentioned in the protest in question, especially with regard to the interpellation in order to delete or adjust the water bills of the protestant, the Water Service Corporation points out that it is not the proper defendant because the Corporation is not the entity responsible for issuing bills and therefore much less can it adjust or delete them;

That the applicants point out that the facts of the case as presented by the respondent do not provide a clear picture of what actually happened and thus while rejecting the allegations brought against them and without prejudice to the above mentioned they point out that this case goes back to the 26th June, 2018, when after several attempts to read the meter installed in the property in question, the reading of the same meter was finally taken and it resulted that there was a consumption of 4364m^3;

That on the 25th July, 2018, the respondent contested the electricity and water bills and by comparison with the judicial letter sent to Automated Revenue Management Services Limtied, she attached a copy of a bill dating back to 29th June, 2017, which is marked as an estimate and another bill dated 28th June, 2018, which is marked as an actual bill and thus the bill that was issued after the meter was read by the representative of ARMS on the 26th June, 2018, as above mentioned;

That the applicants state that there can be no comparison between the two bills given that the bills that really show the actual use of electricity and water are those marked as actual bills;

On the 1st August, 2018, Automated Revenue Management Services Limited requested an explanation from the respondent as to why its representatives were not being provided with access to read the meters so that an actual bill could eventually be issued;

That on the 7th November, 2018, a request was made by the respondent to carry out a leak detection, which procedure was carried out and it was not found that there was any leakage from the installation of Water Services Corporation;

That no request was made through the formal procedures with the applicants in this regard and therefore, the metering section of the Corporation was not informed about this and that was why this meter test on the meter with number N44404 was not carried out by the Corporation;

Illi fil-5 ta' Diċembru, 2018, il-Korporazzjoni qalgħet il-meter bin-numru N44404 mill-proprjetà inkwistjoni u installat meter ġdid bin-numru 15209493 lill-protestanta;

Illi stante li l-użu li ħareġ il-kont fuqu kien dak indikat meta sar il-qari tal-meter bin-numru N44404 nhar is-26 ta' Ġunju, 2018, u stante li ma nstab li kien hemm ebda tnixxija mill-apparat tal-Korporazzjoni, l-Automated Revenue Management Services Limited mhix f'pożizzjoni li tirrevoka jew tibdel il-kontijiet maħruġa minnha stante li l-użu indikat, b'xi mod, sar u għaldaqstant il-kont tal-protestanta għadu pendenti fl-intier tiegħu;

Illi, in vista tas-su espost l-esponenti ma wrew ebda nuqqas fil-konfront tal-protestanta u mhumiex responsabbli għad-danni reklamati minnha;

Għaldaqstant, l-esponenti ma jistgħu qatt jaħtu għad-danni konsegwenzjali kif qiegħed jiġi allegat fl-imsemmi protest u filwaqt li jirrispinġu l-pretensjonijiet kollha vantati mill-protestanta fil-konfront tagħhom, iġibu s-su espost a formali konjizzjoni tal-istess protestanta u jiddiffiduha milli tipproċedi ulterjorment u tgħaddi sabiex tħallas il-kontijiet relattivi.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-istess protestanta.

Mittenti: ARMS Ltd, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda
Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Triq Ħal Luqa, Ħal Luqa

Notifika: Mary Pace, 131, Windrose, Triq ta' Xmiex, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

That on the 5th December, 2018, the Corporation removed the meter with number N44404 from the property in question and installed a new meter with number 15209493 to the respondent;

Given that the use on which the bill was issued was the one indicated when the meter was read with number N44404 on the 26th June, 2018, and given that it was not found that there was any leakage from the device of the Corporation, Automated Revenue Management Services Limited is not in a position to revoke or change the accounts issued by it provided that the consumption indicated, in some way, has been used and therefore the respondent's bill is still all pending;

That, in view of the above, the applicants have not shown that they are at fault towards the respondent and are not responsible for the damages claimed by her;

Therefore, the applicants can never be blamed for the consequential damages as it is alleged in the said protest and while rejecting all the claims asserted by the respondent against them, they bring the above mentioned to the formal knowledge of the same respondent and solicit her not to proceed further and to pay the relative bills.

With costs of this present against the respondent.

Applicant: ARMS Ltd, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda
Water Services Corporation, Triq Ħal Luqa, Ħal Luqa

Notification: Mary Pace, 131, Windrose, Triq ta' Xmiex, Msida

Registry of the Superior Courts today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1463

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fid-19 ta' Awwissu, 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree issued on the 19th of August, 2022, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, Family Section, ordered the publication of the extract reproduced below so that for any purpose and effect of the law serves as notification in accordance with article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, fid-19 t' Awwissu 2022 fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 32/2022 BS ta' Jesmond Mercieca, ta' Edelwiss Crt, Chakimjes, Triq il-Kbira, Ta' Sannat, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 381167M, Jesponi bir-rispett:

Illi l-partijiet ċjoè r-rikorrenti Jesmond Mercieca u Charmaine Mercieca née Mifsud, iżżewġu fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), fir-Reġistru taż-Żwiġijiet, il-Belt Valletta, Malta, liema żwieġ jinsab reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, bin-numru progressiv mija u ħamsin tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (150/2021). Dan hekk kif jidher miċ-Ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness bħala Dok. A;

Illi mir-relazzjoni tagħhom kellhom wield wieħed, ċjoè tifla li jisima … omissis …, li twieldet fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017). Dan hekk kif jidher miċ-Ċertifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. B, bin-numru progressiv sebgħa mija u wieħed u sittin tas-sena elfejn u sbatax (761/2017). Liema bint hija minorreni;

Illi l-ħajja matrimonjali ta' bejniethom ġiet reża impossibbli minħabba raġunijiet imponibbli lill-partijiet u li eventwalment taw lok għas-sitwazzjoni preżenti bejn il-kontendenti;

Illi jeżistu raġunijiet gravi u suffiċċjenti fil-liġi li jagħtu lok għall-firda personali tal-esponenti minn xulxin.

Għaldqastant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

Taħtar medjatur sabiex iwassal lill-partijiet għal ftehim bonarju u eventwalment jaqblu fuq kuntratt ta' separazzjoni personali, likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti u dan wara li ż-żewġ partijiet jaqblu bejniethom dwar il-kura u kustodja tal-minuri, ir-retta alimentarja li għandha titħallas fl-interess ta' wild il-minorenni u l-modalitajiet li taħthom għandha titħallas din ir-retta alimentarja.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

By decree given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, Family Section, on the 19th August, 2022, Letter of Mediation number 32/2022 BS of Jesmond Mercieca, of Edelwiss Crt, Chakimjes, Triq il-Kbira, Ta' Sannat, Gozo, holder of identity card number 381167M, humbly requests:

That the parties i.e., the applicant Jesmond Mercieca and Charmaine Mercieca née Mifsud, married on the third (3rd) of February of the year two thousand and twenty-one (2021) In the Marriage Registry, Valletta, Malta, which marriage is registered in the Public Registry of Malta bearing registration number with progressive number one hundred and fifty of the year two thousand and twenty-one (150/2021). This, as duly evidenced from the copy of the act of marriage attached hereto and marked Doc. A;

That from the same relationship they had one child i.e., a daughter named … omissis …, who was born on the third (3rd) of February of the year two thousand and seventeen (2017). This as can be evidenced from the Act of Birth hereby attached and marked a Dok. B, which bears the progressive registration number seven hundred and sixty-one of the year two thousand and seventeen (761/2017). Which child is still a minor;

That the matrimonial relationship between the two has been rendered impossible due to reasons imputable to both parties thus gave right to the current situation between the parties;

As a result, there exists grave and sufficient reasons at law that give rise to the personal separation of the parties.

That, therefore, the applicant humbly requests this Honourable Court to:

Appoint a mediator to assist the parties to come to an agreement and agree on a contract of personal separation, liquidation of the community of acquests and this after the parties agree between them on the care and custody of the minor child, and the maintenance that should be paid in the interest of the minor child and the modality of such payment of maintenance.

You are therefore ordered to affix an official copy of this banner at the entrance of this Court and hereby summon any person who wishes to enter as curator to appear within six (6) days in this Register and make a note of the statement that he undertakes to do so.

You are also ordered to inform everyone that if he does not make this declaration within the time allowed, this Court will proceed to select a curator of office. And after you have done so, or if you encounter any obstruction in the execution of this ban, you must inform this Court.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 19 ta' Awwissu, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Granted by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, Family Section, above mentioned with the testimony of Magistrate Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Magistrate of the aforesaid Court.

Today 19th of August, 2022

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1464

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-7 ta' Lulju, 2022, Rikors numru 1243/2022, minn Anna Muscat fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Georgina Bonnici u Aida Mather ħut id-decujus fi kwota ta' kwinta (1/5) indiviża kull waħda minnhom; favur Hilda Lateo, John Lateo u Stephanie Lateo ulied il-mejta Iphigenia Lateo din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' kwinta (1/5) parti indiviża bejniethom; favur Maria Galea u Anna Muscat ulied il-mejta Lorenza Galea din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' kwinta (1/5) parti indiviża bejniethom u favur John Bonnici, Yvonne Bonnici u Louise Bonnici ulied il-mejjet Vincent Bonnici dan tal-aħħar hu id-decujus fi kwota ta' kwinta (1/5) parti indiviż bejniethom is-suċċessjoni ta' John Bonnici, ġuvni, bin il-mejtin John Bonnici u Amalia née Felice, imwieled il-Kalkara, Malta, kien residenti Marsaskala, Malta, u miet Marsaskala, Malta fis-6 ta' April, 2022, ta' 91 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 382030M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 7th July, 2022, Application number 1243/2022, by Anna Muscat whereby she requested that it be declared open in favour of Georgina Bonnici and Aida Mather sisters of the decujus in the quota of one fifth (1/5) undivided share each one of them; in favour of Hilda Lateo, John Lateo and Stephanie Lateo children of the late Iphigenia Lateo the latter sister of the decujus in the quota of one fifth (1/5) undivided share between them; in favour of Maria Galea and Anna Muscat children of the late Lorenza Galea the latter sister of the decujus in the quota of one fifth (1/5) undivided share between them and in favour of John Bonnici, Yvonne Bonnici and Louise Bonnici children of the late Vincent Bonnici the latter brother of the decujus in the quota of one fifth (1/5) undivided share between them the succession of John Bonnici, bachelor, son of the late John Bonnici and Amalia née Felice, born in Kalkara, Malta, resided in Marsaskala, Malta and died in Marsaskala, Malta on the 6th April, 2022, aged 91, and who held identity card number 382030M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1465

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-7 ta' Lulju, 2022, Rikors numru 1241/2022, minn Godfrey Camilleri fejn

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 7th July, 2022, Application number 1241/2022, by Godfrey Camilleri

talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur tiegħu s-suċċessjoni ta' martu Rachel Camilleri, mart Godfrey Camilleri, bint Alfred Cremona u Carmen Cremona née Cini, imwielda Tal-Pietà, Malta, kienet residenti s-Siġġiewi, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fid-9 ta' Jannar, 2022, ta' 35 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 107986M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

whereby they requested that it be declared open in his favour the succession of Rachel Camilleri, wife of Godfrey Camilleri, daughter of Alfred Cremona and Carmen Cremona née Cini, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Siġġiewi, Malta and died in Msida, Malta on the 9th January, 2022, aged 35, and who held identity card number 107986M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1466

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-8 ta' Lulju, 2022, Rikors numru 1246/2022, minn Jonathan Roger Brincat et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Francis Jonathan Roger Brincat fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Victor William Paul Brincat is-suċċessjoni ta' ommhom Primrose Brincat, mart Victor Brincat, bint il-mejtin William Cullis u Edith Cullis née Tope, imwielda Kingsdan, ir-Renju Unit, kienet residenti l-Isla, Malta, u mietet l-Imsida, Malta fl-1 ta' Mejju, 2021, ta' 74 sena, li kellha karta tal-identità bin-numru 16750A; u ta' missierhom Victor Brincat, armel ta' Primrose Brincat, bin il-mejtin Paul Brincat u Giuseppa Brincat née Zammit, imwieled l-Isla, Malta, kien residenti l-Isla, Malta, u miet l-Imsida fil-11 ta' Marzu, 2022, ta' 76 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 53146M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 8th July, 2022, Application number 1246/2022, by Jonathan Roger Brincat et whereby they requested that it be declared open in favour of Francis Jonathan Roger Brincat in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Victor William Paul Brincat the succession of their mother Primrose Brincat, wife of Victor Brincat, daughter of the late William Cullis and Edith Cullis née Tope, born in Kingsdan, United Kingdom, resided in Isla, Malta and died in Msida, Malta on the 1st May, 2021, aged 74, and who held identity card number 16750A; and of their father Victor Brincat, widower of Primrose Brincat son of the late Paul Brincat and Giuseppa Brincat née Zammit, born in Isla, Malta, resided in Isla, Malta and died at Msida, Malta on the 11th March, 2022, aged 76, and who held identity card number 53146M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1467

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Ġunju, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 382/2022JVC, li ġie ppreżentat fl-4 ta' Mejju, 2022, fl-ismijiet Scicluna Marshall Marcus et vs Attard Saviour, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-intimat jiżgombra mill-fond inkwistjoni fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti. B'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti, kontra l-intimat, inkluża azzjoni għad-danni spettanti lir-rikorrenti minħabba l-aġir illegali tal-intimat u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-25 ta' Awwissu, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Attard Saviour, 22, Flat 3, Triq il-Foss, Il-Birgu

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Chamber, on 28th June, 2022, in the acts of Sworn Claim number 382/2022JVC, which was presented on 4th May, 2022, in the names Scicluna Marshall Marcus et vs Attard Saviour, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Order the respondent to evict from the premises in question in a short and peremptory time as ordered by this Honorable Court. With reservation for any other action pending to the applicant, against the respondent, including an action for the damages pending to the applicant due to the illegal action of the respondent and with all costs against the respondent, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Appeal in the names mentioned above is adjourned to 25th August, 2022, at 9.00 a.m.

Notification Respondent: Attard Saviour, 22, Flat 3, Triq il-Foss, Vittoriosa

Register of the Superior Courts, today 22nd August, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1468

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Mejju, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 63/2022NC, li ġie ppreżentat fil-26 ta' Jannar, 2022, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Logsoft Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness ma' dan ir-rikors bħala kopja uffiċjali tagħha biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv u tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokument miegħu anness jiġu notifikati lis-soċjetà intimata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att ġudizzjarju.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-15 ta' Novembru, 2022, fid-9.45 a.m.

Notifika Intimat: Logsoft Limited, Office 4, Blk C, Skyway Offices, 179, Triq il-Marina, Tal-Pietà

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order given by the Civil Court, First Chamber, on 12th May, 2022, in the acts of Sworn Appeal number 63/2022NC, which was presented on 26th January, 2022, in the names Commissioner of Inland Revenue vs Logsoft Ltd, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Order the registration of the document attached to this application as its official copy so that the same document constitutes an executive title and order that a copy of this application and the document attached to it be notified to the company respondent in accordance with the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta, as if this application and this document were a judicial act.

The Sworn Appeal in the names mentioned above is adjourned 15th November, 2022, at 9.45 a.m.

Notification Respondent: Logsoft Limited, Office 4, Blk C, Skyway Offices, 179, Triq il-Marina, Tal-Pietà

Register of the Superior Courts, today 22nd August, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1469

Billi Donald Theuma Scerri f'ismu proprju u għannom u fl-interess ta' ibnu minuri … omissis … kif ukoll Miriam Theuma Scerri, għal kull interess li jista' jkollha, ippreżentaw rikors ġuramentat numru 94/2022 (BS) fl-ismijiet: 'Donald Theuma Scerri pro et noe et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku' fejn talbu l-korrezzjoni Att tat-Twelid ta' Donald Theuma Scerri numru sitta u tletin tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sebgħin (36/1975) u Att taż-Żwieġ ta' Donald Theuma Scerri numru tnejn u sebgħin tas-sena elfejn u erbgħa (72/2004) u Att tat-Twelid ta' binhom … omissis … numru wieħed u sebgħin tas-sena elfejn u għaxra (71/2010).

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjur, Sezzjoni Ġenerali

Illum 19 ta' Awwissu, 2022

JOHN VELLA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Whereas Donald Theuma Scerri appearing in his own name and in the name and on behalf of his minor son … omissis … as well Miriam Theuma Scerri, for all the interest she may have, filed a writ of summons no. 94/2022 (BS) in the names 'Donald Theuma Scerri pro et noe et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku' demanding corrections in the Act of Birth of Donald Theuma Scerri bearing number thirty-six of the year one thousand nine hundred and seventy-five (36/1975) and Act of Marriage of Donald Theuma Scerri bearing number seventy-two of the year two thousand and four (72/2004) and Act of Birth of their son … omissis … bearing number seventy-one of the year two thousand and ten (71/2010).

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen (15) days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ of summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section.

This 19th of August, 2022

JOHN VELLA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1470

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-2 ta' Marzu, 2022, Rikors numru 364/2022, minn Joan Anna sive Joanna Caruana, fejn insegwitu tar-rikors Carmel Caruana, bin il-mejtin Anthony Caruana u Giuseppa Caruana née Debono, imwieled il-Mellieħa, Malta, fid-19 ta' Settembru, 1929, residenti l-Mellieħa, ta' 92 sena, u li għandu karta tal-identità numru 655929M, ġie interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Mejju, 2022.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 2nd March, 2022, Application number 364/2022, by Joan Anna sive Joanna Caruana, whereby following the application Carmel Caruana, son of the late Anthony Caruana and Giuseppa Caruana née Debono, born in Mellieħa, Malta, on the 19th September, 1929, and residing in Mellieħa, aged 92, and holding identity card number 655929M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 13th May, 2022.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1471

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-7 ta' Lulju, 2022, Rikors numru 1242/2022, minn Mary Gatt et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Mary Gatt, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Alexander Gatt u Stephen Gatt ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Angelo Gatt, żewġ Mary Gatt , bin il-mejtin Nicola Gatt u Giovanna Gatt née Abela, imwiled il-Mosta, Malta, kien residenti l-Mosta, Malta, u miet Ħal Luqa, Malta fid-19 ta' Jannar, 2017, ta' 68 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 180448M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 7th July, 2022, Application number 1242/2022, by Mary Gatt et whereby they requested that it be declared open in favour of Mary Gatt, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Alexander Gatt and Stephen Gatt children of the decujus in equal shares between them the succession of Angelo Gatt, husband of Mary Gatt, son of the late Nicola Gatt and Giovanna Gatt née Abela, born in Mosta, Malta, resided in Mosta, Malta, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 19th January, 2017, aged 68, and who held identity card number 180448M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1472

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-12 ta' Novembru, 2021, fuq talba ta' Maria Scicluna et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Carmelo Borg, Crocifissa Grech u Salvatore Darmanin u/jew lill-eredi mhux magħrufa tagħhom fl-atti taċ-ċedola numru 2111/2021 fl-ismijiet Maria Scicluna et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depozitu u kontestwali fidi ta' cens ta' Maria Scicluna née Abela (KI 0582553M), armla ta' Alfred Scicluna, bint il-mejtin Paul Abela u Giorgia née Scicluna, imwielda u residenti Ħaż-Żabbar, Isabel Scicluna (KI 299075M) bint Alfred Scicluna u Maria née Abela, imwielda Tal-Pietà u residenti Ħaż-Żabbar, vs Kuraturi

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 12th November, 2021, following a request by Maria Scicluna et it was ordered that deputy curators be chosen to represent Carmelo Borg, Crocifissa Grech and Salvatore Darmanin and/or their unknown heirs in the acts of the schedule of deposit number 2111/2021 in the names Maria Scicluna et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of ground rent number 2111/2021 in the names of Maria Scicluna née Abela (ID 0582553M), widow of Alfred Scicluna, daughter of the late Paul Abela and Giorgia née Scicluna born and residing in Ħaż-Żabbar and Isabel Scicluna (ID 299075M) daughter of Alfred Scicluna and

Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Carmelo Borg, Crocifissa Grech u Salvatore Darmanin u/jew lill-eredi mhux magħrufa tagħhom, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-10 ta' Novembru, 2021, fejn Maria Scicluna (KI 0582553M) u Isabel Scicluna (KI 299075M) esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' fond konsistenti f'garaxx fi ground floor level, bin-numru uffiċjali 94, bl-isem Fredmar, fi Triq il-Qalb Imqaddsa, Ħaż-Żabbar, mingħajr l-arja tiegħu, inkluża l-bitħa retroposta, sottopost proprjetà ta' terzi, imiss mill-Grigal ma' Sacred Heart Street, mix-Xlokk ma' beni ta' Carmelo Buhagiar jew l-aventi kawża tiegħu u mill-Majjistral ma' beni ta' Carmelo Vella jew l-aventi kawża tiegħu, kif jidher mill-annessa site plan annessa u mmarkata Dok. A;

Illi l-proprjetà surriferita hija suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm0.05 ekwivalenti għal €0.12 mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu;

Illi l-esponenti akkwistaw dan il-fond permezz tas-suċċessjoni ta' Alfred Scicluna r-raġel ta' Maria Scicluna née Abela u missier l-esponenti Isabel Scicluna, li miet intestat fl-14 ta' Novembru, 2017, u li daparti tieghu, Alfred Scicluna, kien akkwista dan il-fond permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino datat 16 ta' Lulju, 1975, anness u mmarkat Dok. B;

Illi kif jirriżulta mill-provenjenza tal-istess kuntratt ta' akkwist surriferit skont kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia datat 6 ta' Awwissu, 1974 (anness u mmarkat bħala Dok. C), iċ-ċens gravanti l-fond in kwistjoni huwa dovut lil Carmelo Borg, Crocefissa Grech u Salvatore Darmanin u dan fl-ammonti u r-rati hemm indikati;

Illi l-esponenti llum jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà lilhom mogħtija bl-artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdu dan l-istess ċens oriġinali ai termini tal-ligi;

Illi l-ammont ta' €0.12 kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €2.40;

Illi l-esponenti għandhom wkoll iħallsu l-ammont ta' €0.60 konsistenti f'ħames (5) snin arretrati taċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-proprjetà fuq imsemmija;

Maria née Abela born in Tal-Pietà and residing in Ħaż-Żabbar vs Deputy Curators to represent Carmelo Borg, Crocifissa Grech and Salvatore Darmanin and/or their unknown heirs filed in the First Hall of the Civil Court on the 10th November, 2021, the applicants Maria Scicluna (ID 0582553M) and Isabel Scicluna (ID 299075M) respectfully submitted:

That the applicants are the owners of the premises that is the garage at groundfloor level, with official number 94, with the name Fredmar, in Triq il-Qalb Imqaddsa, Ħaż-Żabbar, without its air space, including the back yard, and underlying third party property, bounding from the north east with Sacred Heart Street, from the southeast with property of Carmelo Buhagiar or his successors in title and from the North West with property of Carmelo Vella or his successors in title as shown on the site plan here attached and marked as Doc. A;

That the above mentioned property is subject to the annual and perpetual groundrent of Lm0.05 equivalent to €0.12 otherwise free and unencumbered with all its rights and pertenences;

That the applicants acquired the premises by means of the succession of Alfred Scicluna, husband of the applicant Maria Scicluna née Abela and father of the applicant Isable Scicluna who died intestate on the 14th November, 2017, and on his part Alfred Scicluna acquired this premises by means of a contract in the records of Notary Doctor Paul Pullicino on the 16th July, 1975, attached and marked as Doc. B;

That as results from the origin of the same contract of acquisition above mentioned, according to the contract of sale in the records of Notary Carmelo Lia dated 6th August, 1974 (attached and marked as Doc. C) the groundrent regarding this premises in question is due to Carmelo Borg, Crocefissa Grech and Salvatore Darmanin and this in the amounts and rate there indicated;

That the applicants wish to avail themselves from the option given to them by article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem this original groundrent in terms of law;

That the amount of €0.12 capitalised with the rate of 5% amounts to €2.40;

That the applicants have to pay also the amount of €0.60 consisting of five (5) years groundrent arrears regarding the property above mentioned;

Illi inoltre, sejra tiġi ddepożitata s-somma ta' €0.05 rappreżentanti kwalsijasi lawdemju dovut fuq l-akkwist ta' parti tal-esponenti;

Illli ai termini tal-kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia (anness u mmarkat bħala Dok. C) is-somma totali ta' €3.05 rappreżentanti prezz ta' fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu lawdemju dovut u arretrati relattivi hija dovuta kif isegwi:

i. €1.06 lil Carmelo Borg jew lill-eredi mhux magħrufa tiegħu,

ii. €1.99 lil Crocifissa Grech u Salvatore Darmanin jew lill-eredi mhux magħrufa tagħhom.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istgess jgħaddu sabiex jiddepożitaw is-somma totali ta' €3.05 rappreżentanti prezz ta' fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu lawdemju dovut u arretrati relattivi, u filwaqt li hija pagabbli fl-intier tagħha lill-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw lil Carmelo Borg, Crocifissa Grech u Salvatore Darmanin, u/jew lill-eredi mhux magħrufa tagħhom sabiex tingħata liberalment l-intimati wara li tiġi rilaxxata d-debita rcevuta skont il-liġi u liema somma għandha tiġi rilaxxata rispettivament fl-ammonti fuq indikati.

Esponenti: Isabel Scicluna, 76, Pintail, Triq Felice, Ħaż-Żabbar
Maria Scicluna, 10, Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Audrey Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

That in addition , the amount of €0.05 is being depositing representing any laudemium due on the acquisition on part of the applicant;

That in terms of the contract of sale in the records of Notary Carmelo Lia (attached and marked as Doc. C) the total amount of €3.05 representing the price of redemption of the annual and perpetual groundrent, laudemium and arrears due are as follows:

i. €1.06 to Carmelo Borg or his unknown heirs,

ii. €1.99 to Crocifissa Grech and Salvatore Darmanin or their unknown heirs.

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and deposit under the authority of the same the total amount of €3.05 representing the price of redemption of this annual and perpetual groundrent, laudemium due and the relative arrears and are payable to the deputy curators nominated to represent Carmelo Borg, Crocifissa Grech and Salvatore Darmanin and/or their unknown heirs so that they will be freely withdrawn by the respondents after leaving the relative according to law and which amount has to be released respectively in the amounts above mentioned.

Applicants: F Isabel Scicluna,76, Pintail, Triq Felice, Ħaż-Żabbar
Maria Scicluna,10 Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar

Notification: Director Public Registry, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta
Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Audrey Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Illum 12 ta' Novembru, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

Today 12th November, 2021

Registry of the Superior Courts, today 12th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1473

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Ġunju, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Daniel Spiteri et vs Raymond D'Agostino et, Rikors numru 157/2022JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Raymond D'Agostino a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Daniel Spiteri (KI 406657M), Victor Spiteri (KI 571661M), Salvatore sive Silvio Spiteri (KI 527459M), Emilia sive Emily Spiteri (KI 607652M) vs Raymond D'Agostino (KI 336559M) u l-Awtorità tad-Djar ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-17 ta' Frar, 2022, ir-rikorrenti Daniel Spiteri et espona bir-rispett:

Illi huma jikru l-fond residenzjali numru 10, Triq San Mikiel, L-Isla, lill-intimat versu l-kera ta' €108.50 kull sitt xhur bil-quddiem u l-iskadenza li tmiss tagħhlaq fit-8 ta' Mejju, 2022;

Illi din il-kirja hija regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti jridu jipprevalixxu ruħhom mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(A) tal-Kap. 69.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu lil dan il-Bord jogħġbu:

1. Jordna li jsir it-test tal-mezzi fuq l-intimat u skont ir-riżultanti tal-istess jordna l-awment tal-kera tal-fond fuq imsemmi b'effett mit-8 ta' Mejju, 2022, taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 2, Oakdene, Triq il-Palma, San Ġwann

Intimati: Raymond D'Agostino, 10, Triq San Mikiel, L-Isla

L-Awtorità tad-Djar

By means of a decree of the 9th June, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Daniel Spiteri et vs Raymond D'Agostino et, Application number 157/2022JD, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Raymond D'Agostino in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Daniel Spiteri (ID 406657M), Victor Spiteri (ID 571661M), Salvatore sive Silvio Spiteri (ID 527459M), Emilia sive Emily Spiteri (ID 607652M) vs Raymond D'Agostino (ID 336559M) and Housing Authority filed before the Rent Regulation Board on the 17th February, 2022, the applicants Daniel Spiteri et requested with respect:

That they lease the residential premises number 10, Triq San Mikiel, Senglea, to the respondent at the rent of €108.50 every six months in advance and the next installment lapses on the 8th May, 2022;

That this lease is regulated by the provisions of Cap. 69 of the laws of Malta;

That the applicants wish to avail themselves of the option of Article 4(A) of Cap. 69.

Thus the applicants request this Board to:

1. Order the means test of the respondent and according to the results order the increase in rent above mentioned with effect from the 8th May, 2022, under those provisions that deem fit and opportune.

With costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: 2, Oakdene, Triq il-Palma, San Ġwann

Respondent: Raymond D'Agostino, 10, Triq San Mikiel, Senglea

Housing Authority

Ir-rikors fl-ismijiet Daniel Spiteri et vs Raymond D'Agostino et, Rikors numru 157/2022JD, jinsab differit għas-6 ta' Ottubru, 2022, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The application in the names Daniel Spiteri et vs Raymond D'Agostino et Application number 157/2022JD, has been postponed for hearing to the 6th October, 2022, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1474

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Jannar, 2022, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2209/2021, fl-ismijiet INDIS Malta Ltd vs Josef Abela, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 27 ta' Mejju, 2021

Lil: Josef Abela (KI 101983M) ta' TQL060, Ta' Qali Crafts Village, Ta' Qali, Ħ'Attard, u 17, Triq Dun Franġisk Catania, Ir-Rabat (Malta)

Permezz tal-preżenti INDIS Malta Ltd (C28965) ta' 88, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, filwaqt li tagħmel riferenza għall-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr David Joseph Borg tat-12 ta' Ġunju, 2018, illi permezz tiegħu l-mittenti kkonċediet b'titolu ta' ċens temporanju għall-perjodu ta' 65 sena, liema terminu beda jiddekorri mid-data tal-att, sitwata ġewwa Ta' Qali Crafts Village limiti ta' Ħ'Attard magħrufa bħala TQL060 li għandha kejl superfiċjali ta' ċirka 288mk u għandha l-konfini tagħha jmissu ma' proprjetà tal-Gvern, tinterpellak sabiex entro tletin (30) ġurnata min-notifika ta' din l-ittra tottempora ruħek mal-kundizzjonijiet stipulati fi klawsoli wieħed (1) u tlieta (3) tal-istess kuntratt billi sallum inti nqast milli ttella' benefikati li ma jqumux inqas minn €129,600 netti mill-VAT, kif ukoll inqast milli tagħmel użu mis-sit għal skop 'manufacturing of stone work'.

Fin-nuqqas li tottempora ruħek ma' din l-intima entro t-terminu fuq imsemmi, s-soċjetà mittenti ma jibqgħalha ebda għażla oħra għajr li tirrikorri għax-xoljiment tal-enfitewsi temporanja, l-iżgumbrament tiegħek u l-ħlas tal-penali quddiem il-Qorti kompetenti.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u jkunu evitati spejjeż u prożeduri.

Bl-ispejjeż

By means of a decree of the 7th January, 2022, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 2209/2021, in the names INDIS Malta Ltd vs Josef Abela, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 27th May, 2021

To: Josepf Abela (ID 101983M) of TQL060, Ta' Qali Crafts Village, Ta' Qali, Ħ'Attard, and 17, Triq Dun Franġisk Catania, Rabat (Malta)

By the present INDIS Malta Ltd (C28965) of 88, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, whilst referring to the deed in the records of Notary Doctor David Joseph Borg dated 12th June, 2018, by means of which the interpellant granted by title of temporary emphyteusis for a period of 65 years, which period began to run from the date of the deed, located in Ta' Qali Crafts Village limits of Ħ'Attard known as TQL060 that has superficial measurement of about 288sqm and which is bounded with Governement property, solicits you so that within thirty (30) days from the notification of this letter you comply with conditions number one (1) and three (3) of the same deed, because until today you failed to construct improvements which are not less than €129,600 net of VAT, and you failed to make use of the site for the purpose of manufacturing of stone work.

If you do not comply with this letter within the term above mentioned, the interpellant company will have no other option than to resort to the dissolution of the temporary emphyteusis, your eviction and the payment of the penalty before the competent Court.

So much for your own guidance and to avoid costs and procedures.

With costs

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 19 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1475

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-17 ta' Jannar, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 262/2021, fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Francesco Marco Venuti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Francesco Marco Venuti a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 17th January, 2022, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 262/2021 in the names J Zammit Limited vs Francesco Marco Venuti the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Francesco Marco Venuti in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

In the Court of Magistrates (Malta)

Illum 29 ta' Jannar, 2021

Today 29th January, 2021

Lil: Francesco Marco Venuti (KI 185544A) ta' The Podium, Blk B, Flt 3, Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ

To: Francesco Marco Venuti (ID 185544A) of The Podium, Blk B, Flt 4, Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ

Permezz tal-preżenti J. Zammit Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €2,644.85 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rapprezentanti 13-il skadenza ta' kambjali kull waħda b'valur ta' €203.45, liema kambjali mmaturaw fil-ħmistax-il (15) ġurnata ta' kull xahar minn Awwissu 2019 sa Awwissu 2020 rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Do. A13).

By the present J. Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, solicits you so that immediately you pay the amount of €2,644.85 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 13 expired bills of exchange each of value €203.45, which bills of exchange were due on the 15th day of each month from August 2019 till August 2020 respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-Doc. A13).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Procedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi zmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lil Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself and with costs against you.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 19 ta' Awwissu, 2022

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 19th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603